# Kapitlu 10


| | |
|---|---|
| Indiċi | 472 |
| | |
| KAPITLU 10 | 475 |
| Is-Snin 2000 | 475 |
| 2002 | 475 |
| | |
| 2003 | 476 |
| Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea | 476 |
| Persuni b'Diżabilita` | 476 |
| Laqgħa ma' l-ASEAN | 476 |
| It-Trattat ta' Nizza Jidħol fis-Seħħ | 476 |
| Ir-Referendum Infami f'Malta | 477 |
| Patt ta' Sigurta` man-NATO | 477 |
| Ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta | 478 |
| Tgħid Ġara Hekk f'Malta Wkoll? | 478 |
| Vot fil-Parlament Ewropew | 479 |
| Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa | 479 |
| Referenda u Ffirmar | 479 |
| Aktar Laqgħat Għolja | 480 |
| Aktar Referenda | 480 |
| Kunsill Ewropew Ieħor | 481 |
| Laqgħa Għolja u t-Terroriżmu | 481 |
| Presidenza u Xogħol | 483 |
| Daqqa ta' Ħarta għall-Unjoni Ewropea | 483 |
| Diżappunt għall-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ | 484 |
| Referendum Ieħor | 484 |
| Konferenza bejn il-Gvernijiet | 485 |
| Kunsill Ewropew | 485 |
| Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew | 486 |
| Aktar Laqgħat | 487 |
| Il-Qerda tas-Sajd u s-Sajjieda | 487 |
| Laqgħa Għolja ma' l-Indja | 489 |
| Flus għall-Iraq | 489 |
| Kunsill Ewropew u Laqgħat Oħra | 489 |
| | |
| 2004 | 490 |
| Trattat Eġittu-UE | 490 |
| Solidarjeta` maż-Żgħażagħ | 490 |
| Rapport | 491 |
| Ftehim tas-Sajd | 491 |
| Aktar ftehim | 491 |
| Ftakru mal-Pajjizi AKP | 491 |
| Ipokriti | 492 |
| Aktar Laqgħat | 492 |
| Kunsill Ewropew Ieħor | 493 |
| Karta u Ċerimonji | 493 |
| Dikjarazzjoni minn Prodi | 493 |
| Eżami tal-Kummissarji | 494 |

| | |
|---|---|
| Laqgħa ma' Qaddafi | 494 |
| Karta dwar Sħubija Pubblika-Privata | 494 |
| Jum ta' Għajb | 494 |
| Laqgħat u Ftehim Oħra | 495 |
| Kunsill Ewropew | 496 |
| Laqgħat Għolja | 496 |
| Il-Parlament Ewropew | 497 |
| Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea | 498 |
| Aktar Laqgħat | 498 |
| Jgħaddu ż-Żmien bin-Nies | 498 |
| Approvazzjoni tal-Kummissarji | 498 |
| Partnership | 499 |
| Laqgħa Għolja Oħra | 499 |
| Barroso Jirtira l-Proposta Tiegħu | 499 |
| L-Iffirmar tal-Kostituzzjoni | 499 |
| Kunsill Ewropew Ieħor | 500 |
| Laqgħa Għolja Oħra | 501 |
| Approvata l-Kummissjoni | 501 |
| Il-Pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u l-Paċifiku | 501 |
| Aktar Laqgħat Għolja | 502 |
| Persuni b'Disabilita' | 502 |
| Lejn Tmiem is-Sena | 502 |
| | |
| 2005 | 503 |
| Ftehim Oħra | 503 |
| Il-Protokoll ta' Kjoto | 503 |
| Referenda | 503 |
| Żjara minn Bush | 504 |
| Ftehim ma' l-Albanija | 504 |
| L-Anniversarju ta' Madrid | 504 |
| Jgħaddu ż-Żmien bil-Konsumatur | 504 |
| Aktar Kunsilli | 505 |
| Ir-Rumanija u l-Bulgarija | 505 |
| Viċi President tal-Parlament | 505 |
| Anniversarju ta' Għajb | 505 |
| Laqgħa Għolja Oħra | 505 |
| 60 Sena mit-Tmiem tal-Gwerra | 506 |
| Tagħlima | 506 |
| Aktar Laqgħat | 506 |
| Il-Franċiżi u l-Olandiżi ma Japprovawx il-Kostituzzjoni | 507 |
| Anniversarju | 507 |
| Is-7 ta' Ġunju ta' Malta | 507 |
| Laqgħat, Kunsilli u Konferenzi | 508 |
| Il-Lussemburgu u l-Kostituzzjoni | 508 |
| Laqgħat Oħra | 509 |
| Dikjarazzjoni dwar l-Iraq | 509 |
| Anniversarju Malti | 509 |
| Ipokriti | 509 |
| Negozjati | 509 |
| Laqgħat u Protokolli | 510 |

| | |
|---|---|
| Anniversarju Ieħor | 510 |
| Aktar Laqgħat | 511 |
| | |
| 2006 | 512 |
| Ma Jridux Jafu bl-Unjoni Ewropea | 512 |
| President Ieħor | 512 |
| Id-Direttiva Frankenstein | 512 |
| Jgħaddu ż-Żmien bil-Ħaddiema | 513 |
| Flimkien fl-Ispazju | 513 |
| Anniversarji | 513 |
| Laqgħa Oħra | 513 |
| L-Indirizz .eu | 514 |
| U Aktar Laqgħat | 514 |
| It-Tieni Anniversarju ta' Għajb | 514 |
| Aktar Karti | 514 |
| Altiero Spinelli | 514 |
| Aktar Laqgħat u Kunsilli | 515 |
| Zjara fiċ-Ċina | 515 |
| Is-Saħta ta' l-Ewro | 516 |

# Kapitlu 10
# Is-Snin 2000

## 2002

Hawnhekk infakkar li dan it-tagħrif ikompli fejn kien spiċċa l-kitba l-awtur ta' dan il-ktieb, u għalhekk qed ikomplu minn Diċembru tas-sena 2002.

Bejn it-12 u t-13 ta' Diċembru kien inżamm Kunsill Ewopew ġewwa Kopenħagen, fid-Danimarka, waqt li Laqgħa Għolja oħra kienet inżammet bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea fid-19 tax-xahar ġewwa Ottawa, fil-Kanada.

Min dan naraw kemm kif ingħad kemm-il darba f'dan il-ktieb, li fejn ikun hemm rieda tajba kulħadd jiltaqa biex isib l-aħjar triq ħalli jkun hemm kooperazzjoni flimkien.

**2003**

Fl-1 ta' Jannar il-Greċja ħadet il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, waqt li l-Unjoni Ewropea ċċelebrat l-10 anniversarju tas-Suq Wieħed.

**Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea**

Fil-15 ta' Jannar kienet ġiet inawgurata l-ewwel forza tal-pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerżegovina. Hawnhekk tajjeb li jitfakkar bl-allegazzjonijiet li kien hemm ta' indħil Ġermaniż biex il-Jugoslavja tiġi mminata minn taħt, jiġifieri bil-moħbi, ħalli titfarrak.

B'hekk, il-pajjiżi li kienu jiffurmawha jkunu jistgħu jiddaħħlu ftit ftit fl-Unjoni Ewropea u ma jibqax l-ebda stat kommunist fl-Ewropa.

Ma ninsewx ukoll kif in-NATO li l-maġġoranza tal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea jiffurmaw parti minnha kienet ibbumbardjat u qatlet numru kbir ta' nies bi skuża jew oħra.

Dan huwa l-qerq li wieħed isib fl-Unjoni Ewropea u fin-NATO immexxija mill-Istati Uniti ta' l-Amerika li hija l-perċimes ta' ħafna ndħil militari f'pajjiżi oħra.

**Persuni b'Diżabilita`**

Fis-26 tax-xahar is-Sena Ewropea ta' Persuni b'Diżabilita` kienet ġiet varata f'Ateni. Madankollu, jekk wieħed imur sa' Brussell fejn hemm il-kapitali ta' l-Unjoni Ewropea, jara nies b'diżabilita` jiġġerrew jittallbu fit-toroq.

Kieku tassew l-Unjoni Ewropea għandha għal qalbha l-persuni b'diżabilita` kienet tinsisti mal-gvernijiet tal-pajjiżi membri biex jekk ikunu jistgħu jaħdmu jħaddmuhom u jekk le jagħtuhom biżżejjed flus u għajnuna ħalli ma jkollhomx iseffqu wiċċhom jittallbu biex jgħixu.

Imma l-Unjnoni Ewropea tagħmel dak biss li jkun jidher, għaliex kif jgħid il-qawl Malti, "**L-ewwel ma tiekol l-għajn**".

**Laqgħa ma' l-ASEAN**

Bejn is-27 u t-28 tax-xahar kienet saret Laqgħa Għolja oħra, din id-darba bejn l-ASEAN u l-Unjoni Ewropea. Qed taraw kemm isiru laqgħat biex kulħadd jipprova jagħmel li jista' ħalli jiftiehem fuq l-affarijiet kollha li wieħed jista' jaħseb fuqhom?

**It-Trattat ta' Nizza Jidħol fis-Seħħ**

Fl-1 ta' Frar daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Nizza, waqt li fis-17 tax-xahar kien sar Kunsill Straordinarju Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Hawnhekk tajjeb li tiftakru kif il-maġġoranza ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea huma fi Brussell u fuq kemm ikun hemm ġlied biex xi istituzzjoni jew uffiċċju ġdid imur f'xi pajjiż membru partikolari.

Dan għaliex minħabba li jsiru ħafna laqgħat ikun hemm kummerċ kbir bin-numru kbir ta' nies ġejjin u sejrin għal dawn il-laqgħat.

## Ir-Referendum Infami f'Malta

Fit-8 ta' Marzu kien inżamm ir-referendum infami f'Malta li qasam il-poplu Malti dwar is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

In-nies li huma tassew Maltin u Għawdxin ivvutaw kontra li Malta terġa' ssir kolonja tal-barrani, din id-darba ta' l-Unjoni Ewropea, imma kien hemm min tqarraq u emmen dak li qalulu l-**ĠUDIET** u l-mixtrija tal-barrani li qatt ma ħamlu li Malta tkun **Indipendenti u Ħielsa** biex reġgħu ġabu lil Malta kolonja ta' l-Unjoni Ewropea.

Ta' min ifakkar li t-Trattat tas-Sħubija fl-Unjoni Ewropea kien inħeba mill-poplu Malti u l-Gvern Nazzjonalista ma riedx jippubblikah.

Infakkar kif kien ippubblikat fuq l-internet mill-Polonja bl-ilsien Ingliż, u għalhekk min ma kellux internet u lanqas jaf bl-Ingliż ma setgħax ikun jaf x'fih.

Tinsewx ukoll kif Gunter Verheugen kien hedded lill-Oppożizzjoni Laburista li jekk ma tibdilx il-pożizzjoni kontra s-sħubija kien se jagħmel kollox biex ma tirbaħx l-elezzjoni kif fil-fatt ġara.

Dan huwa indħil barrani mill-aktar ċar fl-affarijiet interni tagħna minn barrani li ma kellu l-ebda dritt li jagħmel hekk, barra l-indħil mir-Rappreżentanza ta' l-Unjoni Ewropea billi bagħtet propaganda fid-djar kollha tal-Maltin u Għawdxin.

Dan barra l-gideb, it-tixwix, il-wegħdi foloz u ħafna affarijiet oħra li kif qalet is-**CNI** fid-Dikjarazzjoni Solenni tagħha jammontaw għal qerq u theddid li jivvizzjaw il-kunsens tal-poplu Malti għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Huwa għalhekk li kif qalet wkoll is-**CNI** fid-Dikjarazzjoni Solenni tagħha li l-poplu Malti m'huwiex marbut bit-Trattat tas-Sħubija u meta' jrid jista' jiddikjara li Malta m'għadhiex aktar membru ta' l-Unjoni Eqropea.

Meta jrid il-poplu Malti li jkollu Gvern Malti tassew sod u patrijott jista' jagħmel hekk, kif ukoll ineħħi l-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea li ddaħħlu bilfors fil-liġijiet tagħna, ineħħi d-drittijiet kollha li ingħataw ċittadini ta' pajjiżi membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea, u l-Unjoni Ewropea ma tista' tagħmel xejn biex iżżommu.

Imma biex isir hekk irid iqum il-poplu Malti bħal ma kien qam kontra ħakkiema barranin oħra u jrid ikollu partit u gvern li jkun tassew Malti u patrijott li jkun lest li jmexxi lil Malta kif jaqbel lilna, mhux ikun **GVERN QUISLING** li jobdi l-ordnijiet tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

## Patt ta' Sigurta` man-NATO

Fl-14 ta' Marza kellna żvilupp ieħor li juri kif l-Unjoni Ewropea dejjem miexja biex tiżviluppa f'superpotenza armata, u kif il-ħbiberija kbira li għandha ma' l-organizzazzjoni militari tan-NATO hija ta' periklu għal Malta.

Mhux biss, imma l-fatt li Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea huwa ċar daqs il-kristall li Malta ssieħbet f'organizzazzjoni militari kontra dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Fil-fatt, fl-14 ta' Marzu, l-Unjoni Ewropea ffirmat Patt ta' Sigurta` ma' l-organizzazzjoni militari mmexxija mill-Istati Uniti ta' l-Amerika in-NATO.

## Ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta

Dan il-Patt jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta mhux biss għax in-NATO hija allejanza militari, imma għaliex kulħadd jaf kif in-NATO ibbumbardjat il-Jugoslavja biex farrkuha, imma wkoll kif qed tieħu sehem f'operazzjonijiet fl-Afganistan u nħawi oħra tad-dinja.

Irid il-poplu Malti jibqa' f'dan il-periklu meta nafu kemm popli qed jiġu attakkati u kemm qerda qed issir f'pajjiżi biex jitpoġġew u jinżammu fis-setgħa dittaturi li jaħkmu b'id tal-ħadid, l-aqwa li jinqdew l-interessi tal-pajjiżi kapitalisti tal-punent?

Ftakru li anki Saddam Hussein kien armat u mogħti armi, teknoloġija u materjal tal-gwerra fil-gwerra tiegħu bla sens kontra l-Iran minħabba r-riservi taż-żejt li għandu l-Iraq.

Ftakru kif anki Osama Bin Laden kien imħarreġ u armat mill-Amerikani biex jaqdi l-interessi tagħhom kontra l-Unjoni Sovjetika fl-Afganistan.

Għad hemm ukoll dittaturi f'pajjiżi oħra, speċjalment fejn hemm iż-żejt, li huma miżmuma fis-setgħa bl-għajnuna tal-pajjiżi tal-punent minkejja t-torturi li jagħtu lill-popli tagħhom.

Innutaw li fejn ikun hemm dawn id-dittaturi li b'xi mod imorru kontra l-interessi ta' l-Istati Uniti u l-pajjiżi kapitalisti tal-punent, id-dittaturi tagħhom b'xi mod jew ieħor jitneħħew, anki jekk ikun hemm bżonn bi gwerra kif sar fl-Iraq.

Min-naħa l-oħra fejn ikun hemm mexxejja li ma jkunux iridu jkunu pulċinelli tal-pajjiżi tal-punent, dejjem jaraw kif jagħmlu biex jiddistabilizzaw lill-pajjiż u jfarrku l-partiti u l-Gvernijiet li ma jkunux jaqblu mal-politika tagħhom.

## Tgħid Ġara Hekk f'Malta Wkoll?

Tgħid dan ġara wkoll f'Malta meta niftakru l-ġrajjiet li għaddiet Malta minnhom meta kienu jsiru l-bombi u affarijiet oħra ta' stmerrija biex jiddistabilizzaw lill-Gvern Laburista ta' dak iż-żmien minħabba li ma kienx pulċinell f'idejn il-kolonjalisti, imperjalisti u kapitalisti tal-pajjiżi tal-punent?

Tgħid kienu attentati mill-Unjoni Ewropea u pajjiżi oħra tal-Punent biex ifarrku lil min kien iġġieled għall-Indipendenza u ġab il-Ħelsien sħiħ għal Malta meta kien waqqaf li Malta ma tibqax aktar bażi militari barranija u kien kontra s-sħubija ta' Malta fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex Malta ma terġax issir kolonja u bażi militari tagħha u tan-NATO?

Ftakru fit-theddid ta' Gunter Verheugen lill-Oppożizzjoni, il-gideb li ntqal lill-poplu Malti, u affarijiet oħra li kulħadd jiftakar u m'hemmx għalfejn noqgħodu nirrepetuhom.

Anki dwar il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, il-parlamentari arroganti Maltin ma kellhomx is-setgħa mogħtija mill-poplu biex japprovaw il-kostituzzjoni ta' l-UE u ma ħallewx lill-poplu Malti jiddeċiedu huwa kif għandu kull dritt u setgħa li jagħmel.

L-arroganti njoraw lill-poplu Malti u Għawdxi, ma afdawhx, injorawh u stmawh ta' żibel.

**Vot fil-Parlament Ewropew**

Fid-19 ta' Marzu kien imiss li jittieħed vot fil-Parlament Ewropew dwar rapport li kien jirrakkomanda biex il-pajjiżi li kien imiss li jidħlu fl-Unjoni Ewropea, fosthom Malta, jiġu aċċettati. Dan ir-rapport kien aċċettat b'maġġoranza.

Infakkar li l-pajjiżi kienu Malta, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja.

Tajjeb li tiftakru wkoll li barra Malta u Ċipru, il-pajjiżi l-oħra kollha kienu mill-ex Unjoni Sovjetika, u saru membri minħabba l-biża tagħhom li r-Russja terġa' tqum fuq tagħha u terġa tipprova teħodhom taħtha.

Min-naħa ta' Ċipru, il-ħsieb kien ukoll li jkollhom aktar siġurta' minħabba l-qasma li hemm kaġun ta' l-invażjoni li t-Tukija kienet għamlet f'Ċipru.

Ftakru li minkejja li l-Ingliżi kellhom u għad għandhom bażijiet militari f'Ċipru, lanqas refgħu subgħa wieħed meta t-Turkija invadiet lil Ċipru u t-Turkija għadha tokkupa parti minn Ċipru sal-lum.

**Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa**

It-Tielet Kunsill Ewropew annwali tar-Rebbiegha kien inżamm ġewwa Brussell, fil-Belġju bejn il-20 u t-21 ta' Marzu.

Il-Ministri kienu ddeċidew li jżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-istrateġija għall-kompetittivita`, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali kif kienu qablu qabel f'Lisbona, fil-Portugall. Huma kienu ddiskutew ukoll is-sitwazzjoni fl-Iraq.

**Referenda u Ffirmar**

Fit-23 ta' Marzu kien sar ir-referendum fis-Slovenja fejn kien sar qbil li s-Slovenja ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Hawnhekk naraw kif anki qabel ma kien sar ir-referendum u ma kienux jafu jekk il-poplu Sloven kienx se jaċċetta s-sħubija, il-Parlament Ewropew kien diġa` ddeċieda li jaċċetta s-sħubija tas-Slovenja ħalli aktar issir pressjoni biex il-poplu Sloven jaqbel mas-sħubija.

Fid-9 ta' April, il-Parlament Ewropew kien ta' l-kunsens tiegħu biex Malta, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja jitilfu l-Indipendenza u l-Ħelsien tagħhom u jsiru kolonji ta' l-Unjoni Ewropea.

Fit-12 ta' Marzu naraw repetizzjoni ta' dak li ġara qabel, jiġifieri li jinżamm referendum fl-Ungerija biex jaraw jekk l-Ungeriżi riedux li pajjiżhom iridx jissieħeb u b'hekk isir kolonja ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Ungeriżi għażlu li jsiru membri minħabba l-biża tagħhom mir-Russja, fejn ir-raġunar kien li minn tnejn ħżiena tagħżel dak li huwa l-inqas ħażin.

Fis-16 ta' April rajna lill-Ġudiet tal-pajjiżi li kienu se jsiru membri ġodda, fosthom Malta, jmorru ġewwa Ateni fil-Greċja biex jiffirmaw it-Trattat tas-Sħubija ta' pajjiżhom li bih tilfu l-**Indipendenza u l-Ħelsien** tagħhom u saru kolonji ta'l-Unjoni Ewropea.

Bejn l-10 u l-11 ta' Mejju naraw ukoll l-arroganza tal-politiċi tal-Litwanja meta żammew referendum biex jaraw jekk il-poplu Litwan riedx isir membru ta' l-Unjoni Ewropea wara li kienu diġa` ffirmaw it-Trattat ta' Sħubija tliet ġimgħat qabel f'Ateni fil-Greċja.

L-istess storja ġiet ripetuta fis-Slovakkja meta nżamm ukoll referendum bejn is-16 u s-17 tax-xahar biex jaraw il-poplu jridx jissieħeb fl-Unjoni Ewropea.

## Aktar Laqgħat Għolja

Fit-28 ta' Mejju naraw li kienet saret Laqgħa Għolja bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea ġewwa Ateni fil-Greċja. Kif tistgħu taraw m'hemmx għalfejn tkun membru u kolonja ta' l-Unjoni Ewropea biex isir ftehim li jkun jaqbel għat-tnejn.

Hawnhekk taraw li l-pajjiż li jkollu l-presidenza tal-Kunsill jipprova jagħmel kemm jista' laqgħat u ċerimonji f'pajjiżu, għaliex jekk tiftakru, fl-1 ta' Jannar il-Greċja kienet ħadet il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Bl-istess mod, fil-31 ta' Mejju kienet saret Laqgħa Għolja oħra, din id-darba bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret ġewwa San Pietruburgu, fir-Russja.

## Aktar Referenda

Jekk taħsbu li l-eżempju fejn il-politikanti l-ewwel jiffirmaw it-Tratta tas-Sħubija imbagħad jikkonsultaw lill-poplu tagħhom dwar is-sħubija kienu għaddew sejrin żball.

Dan għaliex bejn is-7 u t-8 ta' Ġunju kien sar ir-referendum fil-Polonja li rridu niftakru li kienet ukoll taħt l-Unjoni Sovjetika u kellha kull interess biex minn tnejn ħżiena tagħżel l-inqas ħażin u b'hekk taqbel mas-sħubija.

Issa qed naraw kemm il-Polonja qed tipprova iżżomm iebes kontra l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea u kemm il-Pollakki saru jafu xi fisser li tkun kolonja ta' l-Unjoni Ewropea.

Bejn it-13 u l-14 tax-xahar kien inżamm ukoll referendum fir-Repubblika Ċeka li bħall-Polonja u l-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant l-oħra kienet ukoll taħt l-Unjoni Sovjetika u b'hekk il-poplu Ċeki għażel it-triq li ħaseb li tkun aktar żgura għalih. L-awtur ta' dan il-ktieb diġa` kiteb dwar il-problemi li kellhom iċ-Ċeki, u m'hemmx għalfejn noqgħodu nirrepetuhom hawnhekk.

Li rridu ngħidu huwa biss kemm kellha raġun it-Times meta kienet qalet, għalkemm fi żmien it-tieni Gwerra dinjija, li f'kull pajjiż fl-Ewropa kien hemm **QUISLINGS**.

Dan jgħodd ukoll, anzi aktar, għal-lum bil-**QUISLINGS** li hemm f'kull Stat Mmebru ta' l-Unjoni Ewropea li lesti jmexxu skond l-ordnijiet tad-dittaturi tagħha.

## Kunsill Ewropew Ieħor

Bejn l-20 u l-21 ta' Ġunju kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Tessaloniki fil-Greċja.

Dan kien Kunsill li kompla jipprova jkabbar is-setgħat ta' l-Unjoni Ewropea billi jieħu aktar setgħat mingħand l-Istati Membri meta kien ġie ppreżentat l-abbozz tal-Kostituzzjoni għall-Unjoni Ewropea.

Il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea ltaqgħu wkoll mar-rappreżentanti ta' l-Istati Balkani fejn urewhom il-ħsieb tagħhom li jinkluduhom ukoll fit-tkabbir u jdaħħluhom fl-Unjoni Ewropea.

Dan kien ikkundizzjonat li huma, jiġifieri l-Istati tal-Balkani, imexxu 'l quddiem l-istabilita` demokratika, ir-regola tal-liġi u l-iżvilupp ekonomiku.

Il-Kunsill għamel ukoll referenza għar-relazzjonijiet trans-atlantiċi għall-istabbilita` internazzjonali.

Minn dan wieħed jara kif l-Unjoni Ewropea hija marbuta mal-karru Amerikan minkejja li jkun hemm gwerer fuq is-sussidji u restrizzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika.

Dan jidher ukoll mir-rabta li hemm bejn in-NATO li hija mmexxija mill-Amerikani u l-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea li l-maġġoranza assoluta tagħhom, inklużi dawk li qabel kienu fil-Patt ta' Varsavja huma membri tan-NATO.

## Laqgħa Għolja u t-Terroriżmu

Fil-25 tax-xahar kienet inżammet Laqgħa Għolja oħra, din id-darba bejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet inżammat ġewwa Washington, fl-Istati Uniti.

L-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea qablu li jikkoperaw flimkien fil-ġlieda tagħhom kontra t-terroriżmu u t-tixrid ta' l-armi.

Hawnhekk tajjeb li tiftakru kemm sar indħil u gwerer f'pajjiżi oħra bl-iskuża tat-terroriżmu, liema gwerer swew il-ħajja ta' eluf kbar ta' nies innoċenti u żied it-terroriżmu minflok naqqsu.

L-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea qablu wkoll li jaqsmu l-informazzjoni dwar kontijiet tal-bank suspettużi, u li jwaqqfu gruppi ta' nvestigazzjoni bejniethom.

Hawnhekk ftakru kemm saru restrizzjonijiet bl-iskuża tat-terroriżmu, fosthom passaporti bl-informazzjoni kollha fuq il-persuna, spjunaġġ fuq il-kontijiet bankarji, spjunaġġ fuq l-internet, telefonati, telefon, faxes, u fuq kull mezz ta' komunikazzjoni wżat miċ-ċittadini, inklużi ċittadini Maltin.

Tinsewx li dawn u aktar ħniżrijiet kienu wkoll maħsuba fil-Laqgħa li kienet saret ġewwa Tampere fil-Finlandja fejn kienu qablu fuq il-liġi infami kriminali embrijonika ta' l-Unjoni Ewropea magħrufa bħala Corpus Juris.

Ftakru wkoll kif kull min jidħol fl-Istati Uniti ta' l-Amerika jittieħdulu ritratti, tinġabar kull informazzjoni fuqu, kif ukoll jittieħdulu l-marki tas-swaba kollha u jinżammu fir-rekords ta' l-Istati Uniti qisu kull persuna huwa kriminal.

Hekk qed jiġu stmati ċittadini ta' pajjiżi oħra, inklużi ċittadini Maltin u Għawdxin, mill-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Daqs li kieku kienu l-akbar kriminali.

Tridu tmorru żżuru l-Istati Uniti taħt dawn il-kundizzjonijiet, restrizzjonijiet u spjunaġġ fuqkom?

F'din il-Laqgħa Għolja kienet saret ukoll referenza għas-sitwazzjoni fl-Iran u l-Korea ta' Fuq, jiġifieri dwar l-uranju li l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea ma jridux lil dawn il-pajjiżi li jirfinawh.

Waqt li issa l-Korea ta' Fuq għamlet ukoll prova nukleari għax tibża mill-Istati Uniti, l-Iran qiegħed jgħid li l-uranju jrid jirfinah biex jiġġenera l-elettriku.

Hawnhekk naraw ukoll l-ipokrezija ta' l-Istati Uniti u ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li l-Istati Uniti għandha eluf kbar ta' bombi u armamenti nukleari u kienet ukoll il-pajjiż li wżahom fuq pajjiżi oħra, l-ewwel fuq il-Ġappun fit-tieni Gwerra dinjija u wara fl-Afganistan u fil-Jugoslavja.

Min-naħa l-oħra, l-Ingliterra u Franza għandhom ukoll l-armi nukleari tagħhom, kif għandhom ukoll il-Pakistan, l-Indja u pajjiżi oħra li l-Amerikani u l-Unjoni Ewropea jqisuhom bħala ħbieb tagħhom minkejja li wħud minnhom huma mmexxija minn dittaturi.

Min-naħa l-oħra ma jridux li pajjiżi oħra li ma jqisuhomx ħbieb tagħhom, u bi ħbieb nifhmu pulċinelli li joqgħodu fejn jiġbdulhom l-ispaga, ikollhom armi nukleari.

Jistgħu jkunu arroganti u ipokriti aktar minn hekk?

Fil-laqgħa kienu wkoll tkellmu dwar il-pjan ta' paċi fil-Lvant Nofsani u l-passi li kellhom jittieħdu.

Anki hawnhekk naraw l-ipokrezija fejn lil min iqisuh bħala ħabib tagħhom jagħmel li jrid, imma ħaddieħor ikollu joqgħod għad-diktat tagħhom u ta' ħbiebhom.

Ara kemm jiftaħru bid-demokrazija u kemm riedu elezzjoni fil-Palestina, imbagħad meta saret l-elezzjoni u l-poplu Palestinjan għażel Gvern li l-Amerikani u l-Unjoni Ewropea ma rieduhx għamlu minn kollox biex ifarrkuh u qatgħu kull għajnuna lill-Gvern u l-poplu Palestinjan.

Dan ifakkarna wkoll f'dak li ġara fl-Awstrija, meta l-Awstrijaċi tellgħu Partit li meta kien ġie biex jifforma koalizzjoni biex ikun jista' jsir Gvern, l-Unjoni Ewropea kienet għamlet bojkott lill-Awstrija.

Dik hija d-demokrazija falza li temmen fiha, jew aħjar jemmnu fiha l-mexxejja ipokriti ta' l-Unjoni Ewropea.

## Presidenza u Xogħol

Bħal ma hija l-prattika, fl-1 ta' Lulju, il-Presidenza għaddiet għand il-pajjiż li kien imiss, f'dan il-każ għand l-Italja.

Matul Lulju u Awissu ma tantx isir xogħol, għaliex ħafna mil-istituzzjonjiiet ta' l-Unjoni Ewropea jkunu bil-btajjel tagħhom.

## Daqqa ta' Ħarta għall-Unjoni Ewropea

Fl-14 ta' Settembru, l-Unjoni Ewropea ħadet daqqa ta' ħarta meta f'referendum li kien inżamm fl-Isvezja, il-poplu ma kienx qabel li jneħħi l-munita tiegħu u jaddotta l-Ewro bħala l-munita tiegħu.

Ara d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea kienu ċerti li fit-Trattat tas-Sħubija jobbligawna bħal ma obbligaw il-pajjiżi membri ġodda, li rridu bilfors indaħħlu l-ewro minkejja l-għoli tal-ħajja li kkawża kull fejn iddaħħal.

Imma l-Unjoni Ewropea ma jinteressahiex mill-għoli tal-ħajja, imma jinteressaha biss li l-Istati membri jitilfu l-munita tagħhom ħalli ma jibqalhomx aktar kontroll fuq l-ekonomija tagħhom u jkollhom joqogħdu għal dak li jiddeċiedi l-Bank Ċenrali Ewropew, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea, minn Frankfurt fil-Ġermanja.

Ftakru li meta pajjiż jaddotta l-ewro, barra li jitlef kull kontroll fuq l-ekonomija tiegħu u kull ħjiel ta' sovranita`, ikollu jibgħat ir-riservi tad-deheb u l-muniti barranin tiegħu fil-Bank Ċentrali Ewropew.

Lest il-poplu Malti li jitlef ir-riservi tad-deheb u l-muniti barranin tiegħu biex idaħħal l-Ewro u jitlef kull ħjiel ta' kontroll fuq l-ekonomija u sovranita`?

Qum fuq tiegħek poplu Malti qabel ikun tard wisq.

Ipprotesta kontra l-ordnjiet tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u l-**QUISLINGS** tagħha hawn Malta li lesti jmexxu skond ma jordnalhom il-kolonjalista minn Brussell.

Qum, ipprotesta u ddikjara l-**Indipendenza u l-Ħelsien** tiegħek u ta' l-għażiża Malta tagħna minn taħt id-dittatura u l-kolonjaliżmu ta' l-Unjoni Ewropea u qaċċat lill-**QUISLINGS** tagħha minn fostna.

Tinsiex li l-politiċi huma s-servi tiegħek u jridu joqogħdu għall-ordnijiet tiegħek mhux inti toqgħod għall-ordnijiet tagħhom u tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.

Jekk ma jaċċettawx dan ibgħathom jixxejru u għażel lil min jerġa' jagħtik l-**Indipendenza u l-Ħelsien** minn taħt il-ħakkiem dittatorjali barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

## Diżappunt għall-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ

Diżappunt ieħor kien għall-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ, liema għaqda tmexxi l-aġenda kapitalista ta' suq ħieles mingħajr l-ebda rażan fejn il-ħaddiema jiġu esplojtati u jintremew, kif ngħidu bil-Malti, bħal-lumija.

Dan għaliex fl-14 ta' Settembru, din l-Għaqda kienet żammet Konferenza Ministerjali ġewwa Kankun[1], fil-Messiku.

Dawn il-Ministri suppost li kellhom numru ta' proposti għall-investiment, kompetizzjoni, u trasparenza fix-xiri mill-gvernijiet u faċilitar tal-kummerċ.

Madankollu, din il-konferenza spiċċat mingħajr l-ebda ftehim għaliex minkejja li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti jemmnu fil-kummerċ ħieles mingħajr l-ebda rażan, kollha jagħmlu restrizzjonijiet u jagħtu sussidji fejn jaqblilhom.

Ftakru wkoll li f'kull laqgħa jew konferenza li l-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ għamlet f'kull pajjiż kien hemm protesti kbar kontriha u kontra l-kapitaliżmu li din l-għaqda tmexxi 'l quddiem minħabba li l-aktar li jmorru minn taħt huma l-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ħaddiema li jiġu esplojtati mis-sidien u l-kumpaniji, speċjalment dawk multi-nazzjonali.

Ftakru li s'issa minkejja li saru aktar laqgħat f'pajjiżi differenti għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim għax kif jgħidu l-qwiel Maltin, "**Bejn kliem u fatti hemm baħar jikkumbatti**" u li "**Kulħadd jiġbed in-nar lejn xawwatu**".

## Referendum Ieħor

Fl-20 ta' Settembru kien hemm repetizzjoni ta' dak li kien ġara qabel fil-Polonja u pajjiżi oħra li semmejt qabel, din id-darba fil-Latvja, fejn kien inżamm referendum dwar jekk il-poplu riedx li pajjiżi jidħol bħala membru fl-Unjoni Ewropea.

[1] Cancún,

Il-poplu Latvjan kien aċċetta għaliex kif għedt aktar qabel, anki l-Latvja kienet taħt l-Unjoni Sovjetika.

Kellhom jagħmlu kif jgħidu l-qwiel Maltin li "**Minn tnejn ħżiena tagħżel l-aħjar**" u "**M'hemmx x'tagħmel la x-xitan irid hekk**".

## Konferenza bejn il-Gvernijiet

Konferenza bejn il-Gvernijiet[2] kienet inżammat nhar l-4 ta' Ottubru ġewwa Ruma fl-Italja.

L-għan ta' din il-Konferenza kien li tkompli l-mixja ta' l-Unjoni Ewropea lejn Stat Federali Ewropew kif kien maħsub mill-federalisti internazzjonali u Ewropej billi x-xogħol ewlieni tagħha kien li kellha tagħmel u taddotta versjoni aħħarija ta' l-ewwel kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

**Hawnhekk infakkar dak li jingħad fil-bidu ta' dan il-ktieb dwar l-għanijiet li dejjem kellhom il-federalisti internazzjonali u Ewropej u l-ħsieb li dejjem kellhom li jeqirdu l-Istat Nazzjon Indipendenti Ħieles u Sovran**.

Matul din il-Konferenza naraw li numru ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea riedu jagħmlu numru kbir ta' tibdil, għaliex raw kif l-Unjoni Ewropea kienet sejra tkompli teħdilhom aktar setgħat tagħhom meta suppost li l-Konvenzjoni Ewropea li kienet iltaqgħet f'Lulju ta' Qabel kellha tagħtihom lura setgħat li l-istess Unjoni Ewropea kienet ħadet aktar qabel mingħandhom.

Dan huwa l-qerq li jafu jagħmlu dittaturi qarrieqa, federalisti, kolonjalisti ta' l-Unjoni Ewropea meta waqt li jgħidulek u suppost li jkunu sejrin jagħtuk dak li jkunu ħadulek qabel, minflok jippruvaw jieħdulek aktar.

Jista' l-poplu Malti u Għawdxi jibqa' jaċċetta li jkun ikkmandat u maħkum minn dawn id-dittaturi qarrieqa, arrogani, kolonizzaturi, imperjalisti ta' l-Unjoni Ewropea u l-qaddejja **QUISLINGS** tagħhom minħabba li qarrqu bih biex jaċċetta s-sħubija?

Żgur li le.

Il-poplu Malti u Għawdxi għandu kull dritt, jedd u setgħa biex jiddikjara t-tluq tiegħu mill-Unjoni Ewropea mingħajr l-ebda rbit, jgħidu x'jgħidu l-lagħaqa **ĠUDIET** mixtrija tal-barrani u l-**QUISLINGS** li lestu jmexxi lil Malta skond il-liġijiet u l-ordnijiet tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

Din il-konferenza kellha wkoll tilħaq qbil dwar it-test aħħari tal-Kostituzzjoni qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li kienu ippjanati li jsiru f'Ġunju tas-sena 2004.

## Kunsill Ewropew

Bejn is-16 u s-17 ta' Ottubru kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell fil-Belġju.

---

[2] Intergovernmental Conference

Dan il-Kunsill kien iffoka fuq tliet kwistjonijiet jew affarijiet.

Dwar x'kien sar u x'kellu jsir dwar il-kenn u l-immigrazzjoni li kienu ġew mitħaddta qabel fil-Kunsill li kien inżamm ġewwa Tessaloniki fil-Greċja;

Il-politika ekonomika mill-punt ta' vista ta' l-inizjattiva għat-tkabbir; u

Relazzjonijiet barranin.

Minħabba l-gwerra ta' l-Iraq li saret mill-Amerikani u l-Ingliżi, bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru kienet saret Konferenza dwar il-bini mill-ġdid ta' l-iraq, fejn kienu ġew imwegħda 28 biljun biex jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li kienu saru.

Il-wegħdi kienu saru taħt numru ta' forom, jiġifieri bħala għajnuna umanitarja, għajnuna għall-bini mill-ġdid ta' l-Iraq, krediti ta' esporazzjoni, iffinanzjar ta' proġetti, li kellhom ikunu fuq perjodi ta' żmien differenti.

Waqt li huwa tajjeb li kull min ikun jinħtieġ l-għajnuna jingħata kemm jista' jkun, tajjeb li nistaqsu jekk huwiex sewwa li pajjiż jew pajjiżi jinvadu pajjiż ieħor taħt pretensjonijiet foloz u qarrieqa kif kien sar fl-Iraq mill-Amerikani u l-Ingliżi, imbgħad ħaddieħor joħroġ l-ispejjeż ħalli jiġi mibni mill-ġdid dak il-pajjiż.

Barra minn hekk, ftakru li l-ebda somma ta' flus ma tista' qatt terġa' ġġib lura ħajja li tkun ittieħdet, aħseb u ara meta tisma b'mijiet ta' eluf ta' nies ċivili li nqatlu intortament minħabba l-invażjoni u gwerra li saret fuq pajjiżhom.

Li jinqatel min jattakkahom ħaqqhom, għalkemm min jikkmanda jkun imħares fiż-żgur ġewwa pajjiżu u jibgħat lil ħaddieħor jitqatel u jinqatel għalih, imma li jinqatlu nies innoċenti aktar kbira.

Tasew ħaqqhom li jgħaddu ġuri min għamel u ordna li ssir il-gwerra fuq ħaddieħor li kaġun tagħha inqatlu eluf kbar ta' nies, mhux min qiegħed jiġġieled biex jeħles mill-barrani li qatillu lil niesu u nvada pajjiżu.

## Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew

Fl-1 ta' Novembru, jum l-erwieħ kollha, jew kif nafuh ukoll bħala jum il-mejtin, kien inbidel il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew billi daħal Jean-Claude Trichet li qabel kien Gvernatur tal-Bank ta' Franza[3] minflok Dr Willem F. Duisenberg.

Duisenberg kien dam President tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-1 ta' Ġunju 1988 sal-31 ta' Ottubru 2003.

Tgħid il-bidla saret fl-1 ta' Novembru, jum il-mejtin, biex tfakkar liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li l-Banek Ċentrali tagħhom huma mejtin għaliex isir dak biss li jordna l-Bank Ċentrali Ewropew?

[3] Banque de France

Tgħid il-bidla saret fl-1 ta' Novembru, jum il-mejtin, biex tfakkar liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li l-kontroll tal-finanzi tagħhom minnhom u mill-Gvernijiet tagħhom huwa mejjet u jsir biss dak li jordna l-Bank Ċentrali Ewropew?

Tgħid il-bidla saret fl-1 ta' Novembru, jum il-mejtin, biex tfakkar liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li l-kontroll tar-riservi li kellhom qabel u li riedu jiġu trasferiti fil-Bank Ċentrali Ewropew ġewwa Frankfurt fil-Ġermanja bilfors kien spiċċa u miet u li jsir minnhom ikun biss dak li jordna l-Bank Ċentrali Ewropew?

Ftakru li malli Malta ddaħħal l-ewro jkollna nibgħatu r-riservi tad-deheb u muniti barranin tagħna lejn il-Bank Ċentrali Ewropew ġewwa Frankfurt fil-Ġermanja u ma nkunux aħna li nikkmandaw, imma jkun jikkmanda kollox il-Bank Ċentrali Ewropew.

Se naċċettaw dan il-ħniżrijiet jew se nqumu bħala poplu qalbieni kif kienu missierijietna u niddikjaraw it-tluq tagħna mill-Unjoni Ewropea, nerġgħu niddikjaraw l-**Indipendenza u l-Ħelsien** tagħna minn taħt il-ħakma kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea, u nibgħatuhom kollha jixxejru flimkien mal-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** tagħhom hawn Malta?

Qum fuq tiegħek poplu Malti u Għawdxi u ġġieled għal drittijietek kontra l-ħakkiem dittatur kolonjali barrani ta' l-Unjoni Ewropea u t-tradituri u l-mixtrija li għandek jiġru ma saqajk.

**Aktar Laqgħat**

Fis-6 ta' Novembru nkomplu naraw kif jekk ikun hemm ir-rieda li jkun hemm relazzjonijiet tajba u ftehim kollox ikun jista' jsir, għaliex f'dan il-jum kienet saret Laqgħa Għolja oħra bejn il-Federazzjoni Russa u l-Unjoni Ewropea ġewwa Ruma, fl-Italja.

Qed taraw kif mhux tassew li biex tiftiehem ma xi ħadd trid issir bilfors biċċa waħda miegħu kif isir bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea?

Fit-18 tax-xahar kien imiss li ssir laqgħa bejn il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri dwar il-Laqgħa bejn il-Gvernijiet, liema laqgħa kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju.

**Il-Qerda tas-Sajd u s-Sajjieda**

Bejn il-25 u s-26 tax-xahar kien imiss li ssir Konferenza Ministerjali dwar żvilupp sostenibbli fis-sajd, liema konferenza kienet inżammet ġewwa Venezja, fl-Italja.

Hawnhekk niftakru li jingħad kemm jingħad dwar żvilupp sostenibbli, qatt u qatt ma l-Unjoni Ewropea kellha dan l-iżvilupp, kif qatt ma se jirnexxila għax hemm ħafna interessi mdaħħla li kollha għandhom l-interessi moħbija tagħhom.

Hawnhekk kulħadd jiftakar kemm inqerdu sajjieda mill-Istati Membri u kif inqerdu l-ibħra bir-regolamenti mingħajr sens li għandha l-Unjoni Ewropea, liema regolamenti mhux biss farrku lis-sajjieda, imma qerdu wkoll il-ħut mill-ibħra ta' l-Istati Membri li

skond il-liġi internazzjonali għandhom dritt li jirriservaw is-sajd sa 200 mil il-barra mill-kosta tagħhom għas-sajjieda tagħhom biss.

Imma l-Unjoni Ewropea trid u tordna li sajjieda minn kull Stat Membru ieħor ikollhom dritt li jmorru jistadu fl-ibħra ta' Stati membri oħra u li jirreġistraw il-bastmenti tagħhom hemmhekk ħalli anki jieħdu mill-kwota allokata lis-sajjieda ta' dak l-Istat Membru.

Hekk sewwa hux tassew? Ħut fl-ibħra tiegħek skond il-liġi internazzjonali u l-Unjoni Ewropea tordna biex sajjieda barranin jistadu fl-ibħra tiegħek u jeqirdulek riżors naturali u minn fuq tagħtik kwota ta' kemm tista' taqbad inti stess!!!

Jistgħu jkunu arroganti aktar minn hekk id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea?

Biex tkunu tafu staqsu lis-sajjieda ta' Stati Membri oħra bħal ma huma l-Ingliterra, l-Iskozja u oħrajn, u taraw kif l-Unjoni Ewropea u s-sajjieda minn Stati Mmebri oħra qerdulhom lis-sajjieda tagħhom u l-ibħra tas-sajd tagħhom.

Mhux biss, imma biex tkunu tafu, is-sajjieda jkollhom jarmu ħut li jkun diġa` mejjet li ma jkunx tad-daqs ordnat mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea għax jekk iniżżluh l-art jeħlu multi kbar.

Dan ifisser li jkollhom jerġgħu jaqbdu ħut ieħor u jaremu dak li ma jkunx tad-daqs li jkun ordnat u jibqgħu sejrin hekk sakemm ikunu għamlu s-sajda tagħhom.

Dan ifisser biss qerda enormi ta' ħut, u l-poplu Malti u Għawdxi għandu jkun jaf li huma miljuni ta' tunellati ta' ħut li jkollu jintrema minħabba dawn ir-regolamenti mingħajr sens tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, il-baħar tat-Tramuntana tant intrema ħut li l-qiegħ tal-baħar u l-baħar kien jinten bil-miljuni ta' tunellati ta' ħut mejjet li kien jintrema.

Mhux biss, imma anki ibħra ta' pajjiżi mhux membri qegħdin jinqerdu mis-sajjieda ta' l-Unjoni Ewropea minħabba ftehim li jkun ta' vantaġġ kbir għall-Unjoni Ewropea imma ta' ftit vantaġġ għall-pajjiżi l-oħra li jsiru magħhom.

Is-sajjieda ta' l-Unjoni Ewropea qed jeqirdulhom riżors naturali li jkompli jfaqqar lil dawn il-pajjiżi. Tant jeqirdu ħut, li l-Marokk li kien wieħed mill-pajjiżi li l-Unjoni Ewropea tagħmel ftehim magħhom biex sajjieda mill-Istati membri tagħha jmorru jistadu fl-ibħra tagħhom kien għamel żmien ma ġeddidx il-ftehim, u meta ġie mġedded kienu tnaqqsu bil-kbir is-sajjieda li setgħu jmorru jistadu hemmhekk.

Anki s-sajjieda Maltin u Għawdxin qed jindunaw u jaraw xi tfisser is-sħubija ta' l-Unjoni Ewropea għalihom, u nħeġġiġkom tingħaqdu ħalli malli jasal il-waqt niddikjaraw it-tluq tagħna mill-ħakma illegali kolonjali tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.

Huwa għalhekk dak li s-**CNI** dejjem sostniet li aħjar tkun ħieles u tagħmel dak kollu li jkun jaqbillek milli tkun membru ta' l-Unjoni Ewropea u jkollok toqgħod għal dak kollu li jiddeċiedi l-barrani dittatur kolonjalista tagħha.

**Laqgħa Għolja ma' l-Indja**

Biex ikomplu juru kemm jista' jkun hemm laqgħat u ftehim ma pajjiżi oħra, fid-29 ta' Novembru kienet inżammet Laqgħa Għolja bejn l-Indja, pajjiż in-naħa l-oħra tad-dinja, u l-Unjoni Ewropea. Din il-laqgħa kienet inżammet ġewwa Nju Deli, fl-Indja.

Din hija laqgħa oħra fis-sensiela bla tmiem ta' laqgħat li jsiru mill-Unjoni Ewropea ma pajjiżi u għaqdiet oħra ħalli fejn ikunu jistgħu jqabblu jqabblu. Allura ma Malta ma setgħetx tqabbel?

**Flus għall-Iraq**

Fit-12 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea iddeċidiet li tagħti l-ewwel flus mis-sehem ta' l-Unjoni Ewropea biex jerġa' jinbena l-Iraq mill-estimi, jiġifieri budget, ta' l-Unjoni Ewropea.

Tinsewx li issa minħabba li sirna membri, dak kollu li jngħata mill-Kummissjon jew mill-Unjoni Ewropea jkun hemm ukoll sehemna fih, sehem li qed ikollna nħallsu skond ma jordnaw id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, kemm jekk inkunu naqblu u kemm jekk le.

**Kunsill Ewropew u Laqgħat Oħra**

Bejn it-12 u t-13 ta' Diċembru kien inżamm ukoll Kunsill Ewropew, liema Kunsill kien iltaqa' ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Innutaw kemm isiru laqgħat u kunsilli fil-Belġju, u kif il-maġġoranza ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jinsabu hemmhekk. Mhux ta' b'xejn li Brussell hija meqjusa bħala l-Belt Kapitali ta' l-Istat Federali ta' Unjoni Ewropea kif dejjem kien hemm il-ħsieb li tkun!

L-aħħar attivita` li saret din is-sena kienet l-iffirmar tal-ftehim biex il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea jkollha delegazzjoni ġewwa Sanaa, fil-Jemen, minn Jannar tas-sena 2004. B'delegazzjoni nifhmu l-ambaxxata tagħha.

Hawnhekk tajjeb li tiftakru li waqt li Ambaxxata suppost isservi biex jitjiebu r-relazzjonijiet bejn żewġ pajjiżi, l-Ambaxxata jew aħjar id-Delegazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għamlet indħil sfaċċat f'Malta meta bagħtet propaganda sfaċċata favur is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea qabel ir-referendum

**Dan kien indħil barrani bi ksur tal-liġijiet Maltin, imma l-lagħaqa ĠUDIET u QUISLINGS** li lesti jmexxu lil Malta skond ma jordnaw id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea qatt ma ħadu jew qalu li se jieħdu passi kontra l-Unjoni Ewropea u dawk responsabbli għal dan l-indħil.

## 2004

Is-Sena 2004 bdiet billi fl-1 ta' Jannar il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand l-Irlanda.

Bħas-soltu, kull sena tkun iddedikata għal xi ħaġa partikolari. Din is-sena kien ingħata bidu għas-Sena Ewropea ta' Edukazzjoni bl-Isports, EYES 2004, liema sena kienet ġiet varata ġewwa Garmisch-Patenkirchen, fil-Ġermanja.

### Trattat Eġittu-UE

Fl-istess jum, daħal fis-seħħ it-Trattat proviżorju[4] tal-kummerċ bejn l-Eġittu u l-Unjoni Ewroepa.

Dan ifisser li l-kummerċ bejn l-Eġittu u l-Unjoni Ewropea kien beda jitnaqqaslu d-dazji u taxxi oħra fuqu u b'hekk l-Istati Membri riedu bilfors inaqqsuhom, jaqblilhom jew ma jaqblilhomx, skond kif kienu ftehemu d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser ukoll li anki Malta trid tagħmel l-istess minħabba li issa sirna membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li tkunu tafu wkoll li aktar tard daħlu wkoll ftehim **oħra fejn ċittadini Eġizzjani jingħataw ċerti** drittijiet fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

### Solidarjeta` maż-Żgħażagħ

Jum ta' solidarjeta` maż-żgħażagħ kien organizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Uffiċċju ta' Għajnuna Umanitarja (ECHO) tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fl-20 ta' Jannar.

Għal dan il-jum li kien inżamm ġewwa Brussell, (qed taraw kemm joħolqu affarijiet biex isir kummerċ fi Brussell?) marru għalih madwar 550 żgħażagħ mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Hawnhekk nagħmel żewġ osservazzjonijiet.

Waħda hija li tistenna illi kieku tassew iż-żgħażagħ ħassew li dak li sar kien ta' siwi għalihom kienu jmorru ħafna aktar, speċjalment meta tiftakar li bejn pajjiż u ieħor kull ma hemm huwa li taqbad karozza jew ferrovija u malajr tasal.

Il-fatt li marru daqstant ftit żgħażagħ huwa ta' nsult lid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u juri wkoll kemm iż-żgħażagħ la jaraw futur fl-Unjoni Ewropea u lanqas jemmnu li l-Unjoni Ewropea qed tagħmel xi ħaġa siewja għalihom.

Barra minn hekk, il-fatt li nħasset il-ħtieġa li jsir jum ta' solidarjeta` maż-żgħażagħ ifisser li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jafu t-tbatijiet li qed ikollhom jgħaddu ż-żgħażagħ minnhom minħabba l-politika bla sens tagħhom tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan u għamlu hejkk biex jippruvaw jgħadduhom biż-żmien.

[4] Interim

Il-fatt li marru dawk il-ftit żgħażagħ ifisser li ż-żgħażagħ urew id-disprezz tagħhom lejn id-dittatuiri ta' l-Unjoni Ewropea u wrewhom li lilhom ma jgħadduhomx biż-żmien bħal ma ħasbu.

## Rapport

Fil-21 ta' Jannar, kien ħareġ ir-rapport ta' kull sena dwar l-istrateġija ta' Lisbona. Dan ir-rapport suppost li kellu jservi ta' sisien għat-taħdidiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa li kellu jsir fis-26 ta' Marzu.

## Ftehim tas-Sajd

Fil-5 ta' Frar, kien ġie ffirmat ftehim ieħor biex is-sajjieda ta' l-Unjoni Ewropea jkomplu jeqirdu l-ħut ta' pajjiżi oħra li ma jkunux membri wara li qerdu l-ħut fl-ibħra tagħhom u ta' Stati Membri oħra.

Dan għaliex f'dan il-jum kien ġie ffirmat ftehim tas-sajd bejn il-gżejjer Solomon u l-Unjoni Ewropea li kellu jibda japplika mill-1 ta' Jannar tas-sena 2005 u kellu jdum għal tliet snin.

Ftakru li l-qerda tal-ħut issir kemm minħabba s-sistemi ta' sajd li jużaw, kif ukoll minħabba r-regolamenti bla sens li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea għamlu dwar is-sajd.

## Aktar ftehim

Fil-11 tax-xahar kien inħatar Peter Straub, li kien President tal-Parlament ta' Baden-Württemberg, bħala President tal-Kumitat tar-Reġjuni.

Tinsewx li l-Ġermanja hija nfisha hija Stat Federali fejn kull Stat għandu l-Parlament tiegħu li mbagħad kollha jaqgħu taħt il-Parlament Federali nazzjonali.

Fit-12 ta' Frar kien iffimat ftehim bejn iċ-Ċina u l-Unjoni Ewropea dwar it-turiżma, liema ftehjim kien meqjus bħala kisba kbira. Dan il-ftehim kien iffirmat ġewwa Bejġing, fiċ-Ċina.

Hawnhekk nma nistax ma nfakkarx kif kien kważi skandlu u kemm saru offiżi kontra ċ-Ċiniżi u kontra l-Prim Ministru Malti meta l-Prim Ministru Malti Dom Mintoff fl-1971 kien l-ewwel Prim Ministru ta' Gvern mid-dinja tal-Punent li kien għamel l-ewwel żjara uffiċjali fiċ-Ċina.

Imma tinsewx li l-ipokriti jikkritikaw dak li jagħmel ħaddieħor, imbagħad jagħmlu bħal ma kien għamel dak li kienu kkritikaw, jew, kif jgħid il-qawl Malti, li "**Il-qaħba milli jkollha tagħtik**"

## Ftakru mal-Pajjizi AKP

Bejn is-16 u d-19 tax-xahar naraw kemm l-Unjoni Ewropea tagħmel ftehim ma kulħadd fejn ikun jaqbel u żżomm taħdidiet ħalli tara li tkompli tiżviluppa ftehim li jkun sar u ttejbu.

Dan għaliex f'dawn il-jiem kienet inżammet is-seba' sessjoni ta' l-Assemblea Parlamentari bejn il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u l-Paċifiku, liema Assemblea kienet iltaqgħet ġewwa Addis Ababa, fl-Etjopja.

Ftakru li l-Unjoni Ewropea għandha numru ta' ftehim ma numru kbir ta' pajjiżi dwar kummerċ bejniethom u dwar xogħol għal ħaddiema tagħhom.

Ara lil Malta mhux ftehim riedu jagħmlu d-ditatturi tagħha, imma bl-għajnuna tal-**ĠUDIET** u tradituri li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin u Għawdxin riedu jerġgħu jġibu lil Malta kolonja u bażi militari tagħha u tan-NATO.

Huwa għalhekk li kull min jaċċetta li jiggverna f'Malta skond l-ordnijiet tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jissejjah **QUISLING**, għaliex bħal ma **QUISLING** kien jobdi l-ordnijiet ta' **ĦITLER** bħala l-ħakkiem tan-Norveġja matul il-gwerra, min jiggverna f'Malta jkun qed jagħmel hekk skond l-ordnijiet tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.

## Ipokriti

Fit-12 ta' Marzu naraw aktar indħil mill-Unjoni Ewropea fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra fejn ma jkunx hemm gvernijiet pulċinelli mġebbdin bl-ispag minnha jew mill-pajjiżi tal-Punent.

Dan għaliex f'dan il-jum kienet bagħtet tifraħ lill-ġurnalista u poeta dissidenti Kuban Raúl Rivero li kien il-ħabs wara li kien ingħata l-premju UNESCO / Guillermo Cano Dinji tal-Ħelsien Dinji ta' l-Istampa għas-sena 2004.

Hawnhekk naraw l-ipokrezija kemm ta' l-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi tal-Punent, kif ukoll ta' ċerti istituzzjonijiet, għaliex waqt li jagħtu premjijiet lil dawk li jkunu f'pajjiżi li m'humiex meqjusa bħala ħbieb tal-pajjiżi tal-Punent, ma jagħmlux l-istess ma' ġurnalisti li jikkritikaw lid-dinja tal-Punent, imma minfolk premju jagħtuhom kundanni u anki jippruvaw jibgħatuhom il-ħabs jew jisparixxu bla ma ħadd isir jaf x'sar minnhom.

Ma rridx niftiehem li rrid li xi ħadd jintbagħat il-ħabs jew jiġi mfixkel fi dmirijietu, anzi l-mezzi tax-xandir u ta' l-istampa għandhom jaħdmu sewwa u jikxfu kull qerq u ħabi li jkun hemm mill-poplu.

Imma dan huwa l-qerq u din hija l-ipokrezija li wieħed isib fl-Unjoni Ewropea u f'ċerti istituzzjonijiet li b'mod miftuħ jew bil-moħbi huma mmexxija mill-pajjiżi tal-Punent biex jaqdu l-interessi tagħhom.

## Aktar Laqgħat

Fit-18 tax-xahar naraw li reġgħet saret Laqgħa Għolja oħra bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet inżammet ġewwa Ottawa, fil-Kanada. Qed taraw kemm isiru laqgħat fejn ikun jaqbel?

Bejn it-22 u t-23 tax-xahar kienet saret is-Sessjoni Inawgurali ta' l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja ġewwa Ateni, fil-Greċja.

Fl-24 tax-xahar kien imiss lill-President tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea Romano Prodi biex jilqa` Kummissjoni ta' l-Għaqda Afrikana[5] ġewwa Brussell, fil-Belġju.

## Kunsill Ewropew Ieħor

Bejn il-25 u s-26 ta' Marzu kien imiss li jsir ir-raba' Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ġewwa Brussell, fil-Belġju. Dan il-Kunsill kien iffoka fuq l-istrateġija ta' Lisbona fuq l-ekonomija u s-sitwazzjoni soċjali u ambjentali fl-Unjoni Ewropea.

Innutaw li ma jingħadx li ffoka fuq is-sitwazzjoni fil-problemi msemmija fl-**ISTATI MEMBRI**, imma fl-**Unjoni Ewropea**. Dan juri kemm l-Istati Membri saru ma jfissru xejn għad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, u kemm iqisu t-territorju tagħhom bħala territorju ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan il-Kunsill irċieva wkoll rapport mill-Presidenza dwar il-Konferenza bejn il-Gvernijiet, kif ukoll addotta Dikjarazzjoni dwar kif jiġġieldu t-terroriżmu.

Hawnhekk infakkar li waqt li t-terroriżmu huwa ta' min jistmerru, kulħadd jaf li t-terroriżmu huwa riżultat ta' l-indħil fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra u tas-serq tal-ġid naturali tagħhom mill-pajjiżi tal-Punent li kienu kkolonizzawhom qabel u li riedu u jridu jkomplu jaħkmuhom u jisirqulhom ġidhom mod ieħor wara li kienu ħadu l-**indipendenza u l-ħelsien** tagħhom.

Huwa wkoll riżultat ta' l-attakki u gwerer kontra pajjiżi li ma jkunux iridu jħallu lill-ex kolonizzaturi jkomplu jaħkmuhom u jisirqulhom ġidhom, u kontra dittaturi li ma jkunu xejn għajr pulċinelli li jinżammu fil-ħakma kontra x-xewqa u r-rieda tal-poplu ħalli jaqdu l-interessi tal-kolonizzaturi tal-pajjiżi tal-Punent.

## Karta u Ċerimonji

Fil-5 ta' April naraw ċerimonja oħra li l-Unjoni Ewropea hija magħrufa għalihom u li tagħmel minn fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. F'dan il-jum kienet iffirmata l-Karta tal-Kummissjoni dwar is-Sigurta` fit-Toroq.

Din il-Karta kienet ġiet iffirmata mill-Prim Ministru Irlandiż Bertie Ahern, il-Ministru tat-Trasport Seamus Brennan, u l-Viċi-President tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea Loyola de Palacio, ġewwa l-Kastell ta' Dublin, fl-Irlanda.

## Dikjarazzjoni minn Prodi

Fis-7 ta' April Romano Prodi kien ħareġ Dikjarazzjoni dwar il-ġenoċidju fir-Rwanda, imma tajjeb li niftakru li wara dan il-ġenoċidju kien hemm imdaħħlu wkoll l-interessi tal-pajjiżi tal-Punent fl-Afrika.

[5] African Union Commission (AUC)

## Eżami tal-Kummissarji

Bejn it-13 u l-15 tax-xahar kienet inżammet sessjoni tal-Parlament Ewropew fejn huma eżaminaw u flew il-Kummissarji li kienu proposti li jsiru mill-10 pajjiżi li kienu se jissieħbu fl-Unjkoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004. Vot fuq dawn il-Kummissarji kellu jittieħed fil-5 ta' Mejju ġewwa Strasbourg, fi Franza.

Hawnhekk tajjeb li tiftakru li l-Kummissarji jridu jintagħżlu, fost kollox, għall-impenn tagħhom favur l-Unjoni Ewropea, u għalhekk żgur li ma jistgħux jintagħżlu dawk li huma ewroxettiċi, jiġifieri ma jemmnux fl-Unjoni Ewropea.

Mela waqt li l-Unjoni Ewropea tippriedka li ma għandha ssir l-ebda diskriminazzjoni ma ħadd, hija stess tagħmel diskriminazzjoni politika għaliex ma tħallix li jsiru Kummissarji ewroxettiċi minkejja li jistgħu jkunu kapaċi jmexxu ħafna aktar mill-Kummissarji proposti.

Sewwa jgħid il-Qawl Malti li "**Il-qaħba milli jkollha tagħtik**".

## Laqgħa ma' Qaddafi

Fis-27 tax-xahar naraw kif wara snin ta' isolazzjoni, ir-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni Ewropea Javier Solana iltaqa' ma Muammar Qaddafi ġewwa Brussell, fil-Belġju.

## Karta dwar Sħubija Pubblika-Privata

Fit-30 ta' April, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea ppubblikat Karta[6] dwar is-sħubija pubblika-privata, kif ukoll il-liġi tal-komunita', jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea, dwar il-kuntratti u konċessjonijiet pubbliċi[7].

Hawnhekk naraw kif l-Unjoni Ewropea permezz tad-dittaturi tagħha nmhux biss bdiet tindaħal fis-sħubija pubblika-privata, imma li għamlu wkoll l-liġijiet biex jgħidu x'għandu jsir fl-Istati membri dwar kif jingħataw kuntratti u konċessjonijiet pubbliċi.

Qed taraw kif id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea bħal qarnita dejjem jieħdu aktar setgħat milli qatt ikunu tawhom l-Istati Membri tagħha?

## Jum ta' Għajb

L-1 ta' Mejju 2004 jibqa' mfakkar bħala dak il-jum ta' għajb meta l-**GUDIET** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin u Għawdxin kienu laħqu l-għanijiet moqżieża u mxajtna tagħhom u rnexxa l-pjan infami tagħhom li f'konġura mad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea ħadmu biex jerġgħu jġibu lil Malta kolonja u bażi militari tal-barrani.

F'dan il-jum ta' għajb, Malta flimkien ma' 9 pajjiżi oħra li minħabba ċirkostanzi partikolari tagħhom kellhom jagħżlu l-aħjar minn żewġ affarijiet ħżiena, kienu tilfu l-**Indipendenza u l-Ħelsien** tagħhom u reġgħu saru kolonji ta' l-Unjoni Ewropea.

[6] Green Paper on public-private partnerships
[7] Community law on public contracts and concessions

Infakkar li dawn il-pajjjiżi li tilfu l-**Indipendenza u l-Ħelsien** tagħhom f'dan il-jum ta' għajb kienu Malta, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Repubblika Slovakka u s-Slovenja.

Iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin patrijotti u kull Malti u Għawdxi li għandu qatra demm Malti tiġri fil-vini tiegħu jisħet lil min wasslu f'dan il-gwaj u lil min irid ikompli jaħkem lil Malta skond ma jordnawlu d-dittaturi kolonjalisti barranin ta' l-Unjoni Ewropea.

Iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin patrijotti u kull Malti u Għawdxi li għandu qatra demm Malti tiġri fil-vini tiegħu ħalef f'dan il-jum ta' għajb li jkompli jaħdem u jistinka biex flimkien nerġgħu niddikjaraw l-**Indipendenza u l-Ħelsien** tagħna minn taħt il-ħakma dittatorjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Illum il-poplu Malti u Għawdxi qiegħed jara xi tfisser is-sħubija fl-Unjoni Ewropea u kemm il-**ĠUDIET** mixtrija tal-barrani qarrqu bih bil-wegħdi foloz, qerq u gideb tagħhom.

Qum fuq tiegħek poplu Malti u Għawdxi, u tħallix li tkompli tiġi mkażbar mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li għandek jiġru ma saqajk u fittex eħles mill-jasar li daħħluk fih bil-qerq tagħhom.

Fil-5 ta' Mejju l-Parlament Ewropew qabel b'vot formali mal-ħatra ta' l-10 Kummissarji mill-pajjiżi membri ġodda, waqt li l-Kunsill tal-Ministri ħatar formalment lill-10 Kummissarji fil-kariga tagħhom.

## Laqgħat u Ftehim Oħra

Bejn it-28 u d-29 tax-xahar kienet inżammet ukoll Laqgħa Għolja bejn il-pajjiżi ta' l-Amerika Latina u tal-Karibbew u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret ġewwa Guadalajara, fil-Messiku.

Fid-29 tax-xahar ukoll kienet saret Laqgħa Għolja bejn iċ-Ċili u l-Unjoni Ewropea[8], liema laqgħa kienet inżammet ukoll fi Guadalajara, fil-Messiku.

Fl-istess jum ukoll kienet inżammet Laqgħa Għolja bejn il-Messiku u l-Unjoni Ewropea fl-istess post, jiġifieri fi Guadalajara, fil-Messiku.

Din kienet it-tieni Laqgħa Għolja bejn il-Messiku u l-Unjoni Ewropea[9] fl-Okkażjoni tat-Tielet Laqgħa Għolja bejn il-pajjiżi ta' l-Amerika Latina u Karibbew u l-Unjoni Ewropea[10].

Fl-1 ta' Ġunju kien daħal fis-seħħ il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn ir-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu u l-Unjoni Ewropea.

---

[8] European Union Troika-Chile Summit
[9] II Summit between Mexico and the EU
[10] III LAC (Latin America and the Caribbean)-EU Summit

## Kunsill Ewropew

Bejn is-17 u t-18 ta' Ġunju kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Fost affarijiet oħra, dan il-Kunsill kien iddeċieda fuq rapport tal-Kummissjoni, li minħabba li l-Kroazja kienet laħqet il-kriterja politika magħmula mill-Kunsill Ewropew li kien sar f'Kopenħagen fl-1993, u l-kundizzjonijiet tal-Proċess ta' Stabilita` u Assoċjazzjoni mwaqqfa mill-Kunsill fl-1997, il-Kroazja hija pajjiż kandidat għas-sħubija u l-proċess ta' assoċjazzjoni għandu jiġi varat.

Hawnhekk naraw kif dak li kienu ħadmu għalih il-federalisti internazzjonali u Ewropew sa minn żmien twil qabel kien qiegħed jintlaħaq biex issir l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bħala Stat Federali bl-isem ta' Unjoni Ewropea.

## Laqgħat Għolja

Jekk taħsbu li jdum ma jkun hemm xi Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u xi pajjiż jew organizzazzjoni oħra sejrin imqarrqa.

Dan għaliex fit-22 tax-xahar kienet saret Laqgħa Għolja bejn il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea ġewwa Tokjo, fil-Ġappun, waqt li Laqgħa Għolja oħra bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea kienet saret ġewwa l-Kastell Dromoland, f'County Clare, fl-Irlanda.

Biex tkunu tafu kemm isiru laqgħat li joħolqu kummerċ fil-Belġju, fid-29 ta' Ġunju kienet inżammet l-2595 Laqgħa tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Mhux ta' b'xejn li jiġġieldu ħalli jagħmlu laqgħat kontra laqgħat u biex istituzzjoni tkun f'post u mhux f'ieħor.

Ara Malta l-ebda istituzzjoni ma għandna minkejja li sirna kolonja ta' l-Unjoni Ewropea, imma r-rappreżentanti tagħna jkollhom kull darba jsiefru għal-laqgħat tagħhom.

Matul din il-Laqgħa, José Manuel Durão Barroso kien nominat bħala l-President tal-Kummissjoni li kien imiss, waqt li Javier Solana kien maħtur bħala Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill u Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurta` Komuni.

Dan ifisser li huwa kien jirrappreżenta lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri waqt laqgħat internazzjonali, u l-Istati Membri jkunu jridu jmxu ma dak li jkun ġie deċiż mill-Unjoni Ewropea u mhux jagħmlu u jiddeċiedu aktar dak li jkun jaqbel lilhom f'dawn l-oqsma.

Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill kien ħatar ukoll lil Pierre de Boissieu bħala Deputat-Segretarju Ġenerali.

Huma kienu ddeċidew li Javier Solana jkun maħtur bħala l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin fil-jum li fih tidħol fis-seħħ il-Kostituzzjoni.

Hawnhekk naraw l-arroganza ta' dawn id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea li lanqas kienu stennew li l-Kostituzzjoni li kienet qed twaqqaf formalment l-Istat Federali ta' l-Istati Uniti ta' l-Ewropa tkun approvata mill-Istati Membri kollha u l-popli tagħhom qabel ma bdew jagħmlu dak li kien hemm ipprovdut fiha.

Ara fejn il-popli tħallew jiddeċiedu, bħal ma sar fi Franza u l-Olanda, il-poplu tagħhom ma riedux u ma aċċetawx dak li riedu jmponu fuqhom id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.

Imma fi Stati Membri oħra, bħal ma ġara f'Malta, il-politiċi kienu arroganti, injoraw liċ-ċittadini tagħhom, u qabdu u ddeċiedew huma.

Issa sta għaċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Membri li jagħtu risposta lil dawk il-politiċi arroganti li ma rieduhomx jieħdu deċiżjoni huma dwar il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea imma ħaduha l-politiċi minflok ħallew liċ-ċittadini jeħduha huma billi jtellgħu politiċi li ma kienux arroganti magħhom.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand l-Olanda.

Fit-8 tax-xahar kienet saret ukoll Laqgħa Għolja oħra, din id-darba bejn l-Ukrajina u l-Unjoni Ewropea. Din il-Laqgħa kienet inżammet ġewwa The Hague, fl-Olanda.

## Il-Parlament Ewropew

Il-Parlament Ewopew il-ġdid kien ħatar lil Josep Borrell Fonteles bħala President tiegħu.

Hawnhekk tajjeb li tiftakru kif hawn Malta, dawk li kienu kaġun li Malta saret membru ta' l-Unjoni Ewropea u b'hekk tilfet l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita`** tagħha, kienu ingħataw tweġiba meta kienu tilfu l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew meta kienu ġew f'minoranza.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar il-poplu Malti qed idur kontra l-ħakkiema dittatorjali ta' l-Unjoni Ewropea, kontra l-**GUDIET** li ttradewh, u għad idur kontra dawk il-**QUISLINGS** li lesti li jaħkmu lil Malta skond l-ordnijiet tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar għad jerġa jqum fuq tiegħu u jiddikjara l-**Indipendenza u l-Ħelsien** mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u b'hekk jerġa' jieħu postu fost l-**Istati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** fid-dinja.

Fl-ewwel jum tat-tliet ijiem tal-laqgħat tiegħu, jiġifieri bejn l-20 u t-23 ta' Lulju, il-Parlament Ewropew li kien is-sitt Parlament li kien inħatar bil-vot taċ-ċittadini għaliex qabel il-Membri Parlamentari kienu jiġi maħtura, kien beda taħt it-tmexxja ta' l-ixjeħ membru tiegħu.

Waqt din is-sessjoni, jiġifieri fit-22 tax-xahar, il-Parlament kien qabel dwar il-ħatra ta' José Manuel Barroso bħala President tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

## Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea

Normalment ma tantx isir xogħol f'Awissu għaliex l-istituzzjonijiet ikunu fuq il-vaganzi tagħhom wara li min jaf kemm il-mexxejja tagħhom ikunu qattgħu blat u għerqu l-għaraq tad-demm.

Madankollu, minħabba li kien hemm Parlament u Kummissjoni ġodda, fit-12 ta' Awissu, il-President tal-Kummissjoni José Manuel Barroso kien ippreżenta l-oqsma ta' politika[11] ta' l-24 Kummisaarju li kienu ġew nominati.

Il-Kummissjon kellha tidħol fil-ħatra fl-1 ta' Novembru, **jum il-mejtin**, jekk ikun sar qbil fuqha mill-Parlament Ewropew. Hawnhekk ftakru li l-Parlament Ewropew ma japprovax il-Kummissarji wieħed wieħed, imma jew japprova l-Kummissjoni kollha flimkien jew le.

Fis-27 tax-xahar kien imiss li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tiftaħ uffiċċju tagħha ġewwa Pristina, fil-Kosovo, li qabel kien jagħmel parti mill-Jugoslavja qabel din tfarrket bl-indħil u sovverżjoni u mminar minn pajjiżi barranin.

## Aktar Laqgħat

Fl-14 ta' Settembru kienet saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabilizzazjoni u Assoċjazzjoni bejn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Unjoni Ewropea. L-ewwel ifarrku pajjiż u jaqsmuh biċċiet, imbagħad iridu jistabilizzawh wara li jkunu ħarbtuh.

## Jgħaddu ż-Żmien bin-Nies

Biex tgħaddi ż-żmien bin-nies, l-Unjoni Ewropea ċċelebrat il-Jum ta' l-Ilsna 2004 nhar is-26 ta' Settembru.

Hawnhekk tajjeb li tiftakru illi kieku ma kienux l-Oppożizzjoni u għaqdiet oħra, l-lisien Malti ma kienx isir ilsien ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex kif kien intqal fl-Avis tal-Kummissjoni, Malta għandna wkoll l-ilsien Ingliż u b'hekk kienet qed tara li jiġi skansat id-dħul tal lsien ieħor fl-Unjoni Ewropea.

Daqshekk jistmaw lill-poplu Malti u l-ilsien Malti d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.

## Approvazzjoni tal-Kummissarji

Bħala preparamenti biex japprovaw il-Kummissarji kollha flimkien, il-Parlament Ewropew għamel numru ta' laqgħat fejn dawk li kienu nominati bħala Kummissarji kienu ġew mgħarbla bir-reqqa li ma jkunx hemm xi wieħed minnhom li ma jkunx tassew fidil lejn l-Unjoni Ewropea. Dawn il-laqgħat saru bejn is-27 ta' Settembru u t-8 ta' Ottubru.

[11] Policy portfolios

Hawnhekk tajjeb li tiftakru li l-Italja kellha tibdel il-Kummissarju li kienet innominat minħabba li kien fidil lejn it-tagħlim nisrani u minkejja li dan ma kienx se jifxklu fit-twettieq tad-dmirijiet tiegħu bħala Kummissarju.

Imma għad-dittaturi ta’ l-Unjoni Ewropea li tkun nisrani fidil għat-twemmin tiegħek ifisser li inti ma tistax taqdi dmirek sewwa bħala Kummssarju.

Dan huwa wkoll eżempju mill-aktar ċar li d-dittaturi ta’ l-Unjoni Ewropea jagħmlu disriminazzjoni fuq bażi ta’ reliġjon meta huma jippriedkaw biex ħaddieħor ma jagħmel l-ebda forma ta’ diskriminazzjoni.

Qabel rajna li anki jekk tkun ewroxettiku, xorta waħda ma tiġix aċċettat bħala Kummissarju, għaliex trid turi l-impenn tiegħk favur l-Unjoni Ewropea. Din ukoll hija diskriminazzjoni fuq bażi ta’ twemmin politika.

Kelma waħda tixirqilhom. **IPOKRITI**.

## Partnership

Fil-11 ta’ Ottubru naraw ftehim ieħor ta’ Sħubija (**PARTNERSHIP)** u Kooperazzjoni[12] jiġi ffirmat, din id-darba bejn it-Taġikistan u l-Unjoni Ewropea. Dan il-ftehim kien iffirmat ġewwa l-Lussemburgu.

Jeżisti jew le il-**PARTNERSHIP**, Verheugen u qarrieqa ipokriti.

## Laqgħa Għolja Oħra

Laqgħa Għolja oħra kienet inżammet ġewwa Hanoi, fil-Vjetnam, bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Unjoni Ewropea fit-12 ta’ Ottubru. Qed taraw kemm isiru laqgħat anki ma pajjiżi li qatt ma jistgħu jkunu membri ta’ l-Unjoni Ewropea għaliex kif jingħad li “**L-ixkubetta fiha l-grillu u kulħadd jagħmel li jaqbillu**”.

## Barroso Jirtira l-Proposta Tiegħu

Fis-26 ta’ Ottubru naraw li minħabba dak li kien inqala speċjalment dwar li-Kummissarju nominat mill-Italja, Barroso kien irtira il-proposta tiegħu dwar kif kellha tkun magħmula l-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea, waqt li kien ittamat li proposta oħra tkun mogħtija lill-Parlamen Ewropew fil-ġimgħat ta’ wara għall-qbil tal-Parlament.

## L-Iffirmar tal-Kostituzzjoni

Fid-29 ta’ Ottubru nkomplu naraw it-tradiment tal-popli ta’ l-Istati Membri meta l-Kapijiet ta’ Stat jew Gvern ta’ l-Istati Membri komplew jimxu fuq il-pjani tal-federalisti internazzjonali u Ewropew għat-twaqqif ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea meta f’Ateni, fil-Greċja, kienu marru jiffirmaw it-Trattat li Jwaqqaf Kostituzzjoni għall-Ewropa.

---

[12] Partnership and Cooperation Agreement

Anki fl-isem tat-Trattat naraw l-arroganza tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex ma kellux jingħad Kostituzzjoni għall-Ewropa, imma Kostituzzjoni għall-Unjoni Ewropea.

Madankollu, dan juri wkoll il-ħsieb li hemm li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jkomplu fil-mixja tagħhom biex b'mod jew ieħor, bis-sewwa jew bid-dnewwa, ijassru lil kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** li jinsab fl-Ewropa.

Tridu li nibqgħu f'dawn il-ħniżrijiet ipperpetrati mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, il-**GUDIET** u l-**QUISLINGS** tagħhom?

Qum fuq tiegħek poplu Malti u Għawdxi kontra l-ħakkiem dittatur barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Kunsill Ewropew Ieħor</u>**

Bejn l-4 u l-5 ta' Novembru kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Dan il-Kunsill kien iffoka fuq tliet kwistjonijiet.

Il-preparazzjonijiet għar-reviżjoni ta' nofs iż-żmien ta' l-Istrateġija ta' Lisbona[13].

Il-Qasam ta' Ħelsien, Sigurta` u Ġustizzja, u l-Programm Hague[14], u

Jikkomunikaw l-Ewropa[15].

Hawnhekk naraw li l-istrateġija li kienu fasslu aktar qabel f'Lisbona, fil-Portugall, ma kinitx qed taħdem kif għadha mhux qed taħdem sal-lum u m'hijiex se taħdem.

Dwar il-qasam ta' Ħelsien, Sigurta` u Ġustizzja kulħadd jaf kemm l-Unjoni Ewropea trid il-ħelsien tal-moviment bejn l-Istati Membri ħalli l-kapitalisti tagħha jkunu jistgħu jesplojtaw lil ħaddiema kif issa għandhom l-esperjenza qarsa l-ħaddiema Maltin u Għawdxin li tilfu xogħolhom jew hemm ħobżhom mhedded.

Dwar is-sigurta kulħadd jaf kemm qed isiru restrizzjonijiet u spjunaġġ fuq iċ-ċittadini bl-iskuża tas-sigurta`, waqt li kulħadd issa għandu l-esperjenza qarsa ta' dak it-tifel Għawdxi li ma riedx imur lejn l-Ingliterra imma minħabba l-liġijiet dittatorjali ta' l-Unjoni Ewropea intbagħat kontra r-rieda tiegħu u nfired minn missieru u ħutu.

Il-fatt li l-Kunsill qal li jridu wkoll jikkomunikaw l-Ewropa jfisser żewġ affarijiet.

L-ewwel l-arroganza tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea għaliex kif għedt qabel l-Unjoni Ewropea m'hijiex l-Ewropa waqt li juri wkoll l-għan tagħhom li jaħkmu lil kull pajjiz **Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Barra minn hekk, ifisser ukoll li wara aktar minn 50 sena ta' istituzzjonjiet tal-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri la

[13] Mid-Term Review of the Lisbon Strategy
[14] An area of Freedom, Security and Justice, the 'Hague Programme'
[15] Communicating Europe

jemmnu bl-Unjoni Ewropea u lanqas ma jħossuhoma li jagħmlu sehem mill-Unjoni Ewropea, imma jħossu li huma biss ċittadini ta’ pajjiżhom.

Dan m’hemmx dubju li se jwassal għat-tifrik u l-qerda ta’ l-istituzzjonijet ta’ l-Unjoni Ewropea u d-dittaturi tagħha.

J’Alla dan jiġri l-lejla qabel għada ħalli neħilsu mid-dittaturi li jmexxuha li qed ifarrkulna pajjiżna u l-poplu tagħna.

Anki waqt dan il-Kunsill naraw l-arroganza u l-indħil barrani fl-affarijiet interni ta’ pajjiżi oħra, l-aqwa li jkun hemm fil-ħakma dawk li jkunu lagħaqa tal-pajjiżi tal-Punent.

Dan għaliex waqt li qabel kienu jgħinu lid-dittatur Saddam Hussein fil-gwerra bla sens tiegħu kontra l-Iraq u anki kontra niesu stess, kif ma baqax pulċinell tal-pajjiżi tal-Punent raw kif għamlu u qerduh u issa qed jagħmlu li jistgħu biex iżommu fis-setgħa lil pulċinell tagħhom fl-Iraq.

Fil-fatt, waqt l-laqgħa tiegħu, il-Kunsill kellu wkoll taħdidiet mal-Prim Ministru mpoġġi mill-Amerikani ta’ l-Iraq, Allawi.

**Laqgħa Għolja Oħra**

Fit-8 ta’ Novembru kien imiss li ssir Laqgħa Għolja oħra, din id-darba bejn l-Indja, pajjiż fin-naħa l-oħra tad-dinja, u l-Unjoni Ewropea. Din il-laqgħa nżammet ġewwa The Hague, fl-Olanda.

**Approvata l-Kummissjoni**

Fit-18 ta’ Novembru, ix-xahar tal-mejtin, il-Parlament Ewropew approva b’449 vot favur, 149 vot kontra u 82 astensjoni, il-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea.

Il-voti juru kif il-Membri Parlamentari Ewropew ma tantx għandhom fiduċja fil-Kummissjoni għaliex kieku kienu jew jivvutaw kollha favur jew ikun hemm ftit li jkunu kontra.

**Il-Pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u l-Paċifiku**

Bejn l-20 u l-25 ta’ Novembru kienet saret it-28 sessjoni ta’ l-Assemblea Parlamentari Flimkien tal-Pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u l-Paċifiku u l-Unjoni Ewropea. Din il-laqgħa kienet sare ġewwa The Hague, fl-Olanda.

Hawnhekk tindunaw kif il-pajjiż li jkollu l-Presidenza tal-Kummissjoni jipprova jagħmel kemm jista’ laqgħat ġewwa pajjiżu ħalli jagħmel kemm jista’ qligħ minn fuqhom, kemm qligħ finanzjarju kif ukoll politiku.

It-traġedja umana ta’ Darfur, is-sitwazzjoni fil-Kosta ta’ l-Avorju, kif ukoll id-djalogu politiku bejn dawn il-pajjiżi u l-Unjoni Ewropea kienu mitħaddta matul l-Assembea.

**Aktar Laqgħat Għolja**

Laqgħa bejn il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Flimkien bejn l-Afrika tan-Nofs in-Nhar u l-Unjoni Ewropea[16] saret ġewwa Brussel, fil-Belġju, fit-23 ta' Novembru.

Laqgħa Għolja oħra saret bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea ġewwa The Hague, fl-Olanda, fil-25 ta' Novembru.

Qed taraw kemm isiru laqgħat u ftehim ta' kooperazzjoni ma organizzazzjonijiet u pajjiżi li qatt ma jistgħu jkunu membri ta' l-Unjoni Ewropea?

**Persuni b'Disabilita'**

Fit-2 ta' Diċembru, l-Unjoni Ewropea żammet il-Jum tal-Persuni b'Disabilitajiet. Madankollu, in-nies b'disabilitajiet mhux jum wieħed fis-sena għandhom bżonn min jiftakar fihom, imma matul is-sena kollha.

Hawnhekk tajjeb li tkun tafu kemm jekk issiefru, inkluż fi Brussell, taraw niex b'diżabilitajiet li jkunu jittallbu barra biex jgħixu. Kieku kellhom id-drittijiet tagħhom u kellhom pensjon ixierqa żgur ma jkunx hemm għalfejn imorru jseffqu wiċċhom jittallbu l-karita'.

**Lejn Tmiem is-Sena**

Laqgħa Għolja oħra bejn iċ-Ċina u l-Unjoni Ewropea kienet saret fit-8 ta' Diċembru, nhar Jum il-Kunċizzjoni, ġewwa The Hague, fl-Olanda.

Fl-14 ta' Diċembru, il-premju Sakharov kien ingħata lill-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti Bjelorussa, matul laqgħa formali tal-Parlament Ewropew fis-sessjoni tiegħu fi Strasbourg.

Is-sena 2004 għalqet billi sar Kunsill Ewropea ġewwa Brussel, fil-Belġju, bejn is-16 u s-17 tax-xahar.

[16] South Africa – EU Joint Cooperation Council Meeting

## 2005

Fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand il-Lussemburgu.

Fis-26 tax-xahar, il-Kummissjoni ppubblikat l-Oġġettivi Strateġiċi[17] tagħha għas-snin 2005 – 2009 li semmiethom "Prosperita`, Solidarjeta` u Sigurta`".

M'hemmx għalfejn ngħidu kemm hemm prosperita`, solidarjeta` u sigurta` fl-Unjoni Ewropea għaliex kulħadd għandu għajnejgħ f'wiċċu.

## Ftehim Oħra

Fil-31 ta' Jannar inkomplu naraw kif mhux tassew li bilfors trid tkun membru ta' l-Unjoni Ewropea biex ikun hemm ftehim u kooperazzjoni li jkunu jaqblu għat-tnejn. Dan għaliex f'dan il-jum kienet saret il-ħames laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn it-Tuneżija u l-Unjoni Ewropea[18] ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Fl-1 ta' Frar, Javier Solana, ir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni, iffirma Ftehim ma' l-Ambaxxatur Marokkin Menouar ALEM fuq is-sehem tar-Renju tal-Marokk fl-Operazzjoni Althea, li kienet l-operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżi fil-Bożnja u Ħerżegovina.

Fl-istess jum kien daħal fis-seħħ il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Kroazja u l-Unjoni Ewropea.

## Il-Protokoll ta' Kjoto

Fis-16 ta' Frar il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea laqgħet id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Kjoto dwar il-ġlieda biex tiġi kkontrollata l-klima dinjija.

Hawnhekk tajjeb li tiftakru li waqt li numru ta' pajjiżi ftehemu li jnaqqsu t-tniġġiż li kien qiegħed jikkawża tibdil fil-klima dinjija, il-President Bush kien injora kollox u l-Amerika kompliet tkun l-aktar pajjiż li jikkawża ħsarat fil-klima dinjija.

## Referenda

Fl-20 ta' Frar nibdew naraw l-Istati Membri fejn il-politiċi ma kienux arroganti jibdew jagħmlu referenda dwar il-Kostituzzjoni Ewropea. Spanja kien l-ewwel Stat Membru fejn inżamm referendum u kien hemm qbil dwar il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea minkejja l-affarijiet ħżiena li kien fiha.

Madankollu, tajjeb li tiftakru li Spanja u pajjiżi oħra saru membri u approvaw il-Kostituzzjoni għaliex kienu għaddew minn snin twal ta' dittatorjat aħrax faxxista u bejn tnejn ħżiena għażlu dak li kien l-inqas ħażin għalihom.

[17] Strategic Objectives for 2005-2009
[18] Association Council

## Żjara minn Bush

Bejn il-21 u t-22 tax-xahar kienet saret żjara minn Bush, l-ewwel waħda minn President Amerikan, fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea. Kienet ukoll l-ewwel mawra kbira fit-tieni ħatra tiegħu bħala President.

Hawnhekk tajjeb li tiftakru kemm kienu saru protesti kontra ż-żjara tiegħu nminħabba l-gwerra li kien għamel fl-Iraq u li għadha ghaddejja s'issa u l-politika Amerikani ta' attakki u ġlied f'pajjiżi li Bush kull meta jfetillu jakkużahom li jagħtu kenn lit-terroristi.

## Ftehim ma' l-Albanija

Fis-7 ta' Marzu naraw aktar indħil fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra fil-kaldarun ibaqbaq f'ċerti nħawi ta' l-Ewropa. F'dan il-jum, l-Unjoni Ewropea ffirmat ftehim mar-Repubblika ta' l-Albanija dwar is-sehem tagħha, jiġifieri ta' l-Albanija, fl-operazzjoni Althea, jiġifieri l-operazzjoni ta' l-immaniġġar tal-krizi fil-Bosnja u Ħerżegovina.

X'ma jkunx hemm taħwid u theddid ta' terroriżmu b'dan l-indħil kollu mill-Unjoni Ewropea, in-NATO u pajjiżi oħra fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra.

## L-Anniversarju ta' Madrid

Fil-11 ta' Marzu kien jaħbat l-ewwel anniversarju ta' l-istraġi ta' Madrid, fejn ferroviji kienu attakkati bħala ritaljazzjoni għas-sehem ta' Spanja fl-operazzjonijiet militari fl-Iraq meta l-Gvern Spanjol bagħat suldati Spanjoli biex jgħinu lill-Amerikani fil-gwerra tagħhom kontra l-Iraq.

Dak huwa dak li jġib l-indħil fl-affarijiet interni ta' ħaddieħor. Dan jirrifletti wkoll fuqna għaliex bħala membri ta' l-Unjoni Ewropea ninsabu wkoll esposti għal attakki ta' tpattija mingħand dawk li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jindaħlu fl-affarijiet tagħhom.

X'jiswa li issa l-Unjoni Ewropea fil-11 ta' Marzu waqqfet u ddedikat dan il-jum bħala l-Jum Ewropew għall-Vittmi tat-Terroriżmu?

Min ikun mejjet xorta mejjet se jibqa', imma min ikun bagħtu jibqa' għaddej jixxala u jibgħat nies oħra qisu mhux hu.

## Jgħaddu ż-Żmien bil-Konsumatur

Fil-15 ta' Marzu kien sar is-7 Jum tal-Konsumatur organizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Huma iffokaw fuq konsum sostenibbli u l-ħtieġa li jiġu aċċettati prodotti u servizzi sostenibbli.

Hawnhekk naraw kif id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jridu jgħaddu ż-żmien bin-nies.

Dan għaliex l-ewwel jintaxxawhom biex jiġu ssussidjati prodotti tal-biedja biex jinżammu l-prezzijiet, waqt li jimponu dazji u levies fuq l-istess prodotti, u prodotti

oħra wkoll, li jkunu ġejjin minn pajjiżi li m'humiex membri ta' l-Unjoni Ewropea u li jkunu ħafna irħas.

Din hija ipokrezija, għaliex waqt li d-dittaturi ipokriti ta' l-Unjoni Ewropea jgħidu li jemmnu f'suq ħieles, jimponu taxxi, dazji u levies fuq prodotti li jkunu ġejjin minn pajjiżi oħra biex jiddefendu l-produtturi tagħhom.

Jistgħu jkunu ipokriti aktar minn hekk.

## Aktar Kunsilli

Bejn it-22 u t-23 ta' Marzu kien sar ukoll Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Fil-5 ta' April kien sar il-15-il Kunsill Flimkien u Laqgħa Ministerjali GCC-EU[19] ġewwa Manama, fil Baħrain.

## Ir-Rumanija u l-Bulgarija

Fit-13 tax-xahar, il-Parlament Ewropew kien ta l-qbil tiegħu biex ir-Rumanija u l-Bulgarija jidħlu fl-Unjoni Ewropea.

Irridu niftakru li dawn ukoll kienu taħt il-ħakma ta' l-Unjoni Sovjetika u huma pajjiżi fqar, u għalhekk bħal pajjiżi l-oħra li kienu taħt il-ħakma Sovjetika, raw li jaqblilhom li minn tnejn ħżiena jagħżlu l-inqas ħażin.

## Viċi President tal-Parlament

Fil-15 ta' April, il-Parlament Ewropew qabel b'akklamazzjoni, il-ħatra ta' Manuel António dos Santos bħala viċi-President. Huwa daħal minflok António Costa li kien għadu kif ġie maħtur Ministru ta' l-Intern fil-Gvern Portugiż ġdid.

## Anniversarju ta' Għajb

Infakkru li l-ewwel ta' Mejju ta' din is-sena kien l-ewwel anniversarju tal-jum ta' għajb meta Malta u 9 pajjiżi oħra, imma aħna jimpurtana l-aktar mill-għażiża Malta tagħna, tilfu l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħhom billi saru membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Dawn jerġgħu jeħduhom lura mal-mument li jitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandhom kull dritt, jedd u setgħa li jagħmlu.

## Laqgħa Għolja Oħra

Fit-2 ta' Mejju kienet saret il-15-il Laqgħa Għolja bejn il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret fil-Lussemburgu.

[19] 15th GCC - EU Joint Council and Ministerial Meeting

Qed taraw kemm isiru laqgħat u ftehim ma pajjiżi li la huma u lanqas qatt jistgħu jsiru membri ta' l-Unjoni Ewropew kontra dak li jgħidukom il-qarrieqa, **ĠUDIET** u **QUISLINGS** mixtrija ta' l-Unjoni Ewropea li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin u Għawdxin?

**60 Sena mit-Tmiem tal-Gwerra**

Fid-9 ta' Mejju kien jaħbat is-60 anniversarju tat-tmiem tat-tieni Gwerra Dinjija fl-Ewropa.

Tajjeb li niftakru kemm miljuni ta' nies kienu nqatlu minħabba l-gwerra li kienet tqanqlet mill-Ġermanja, kif ukoll fil-Maltin u Għawdxin ħutna li ħallew ħajjithom biex ma naqgħux taħt il-madmad Nazista u Faxxista.

Dan ma jfissirx li għandhom jeħlu l-Ġermaniżi kollha għaliex kien hemm anki ħafna Ġermaniżi li batew taħt id-dittatura Nazista ta' Ħitler.

Ftakru biss li issa mhux biss waqajna taħt il-madmad tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, imma tlifna dak kollu li ħadmu għalih missierijietna u ħdimna għalih aħna, fosthom l-aqwa affarijiet li huma **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita`.**

**Tagħlima**

Hawnhekk tajjeb li niftakru f'dik l-istorja ta' meta kien hemm wieħed li ried jagħti tagħlima lill-uliedu. Huwa qalilhom biex jorbtu qatta zkuk flimkien, u meta rabtuhom qalilhom biex jaqbduhom kollha f'daqqa u jaqsmuhom.

Uliedu kollha ppruvaw, imma ma rnexxilhomx jaqsmuhom. Imbgħad qalilhom biex iħolluhom u jaqsmuhom wieħed wieħed. Dan kien faċli ħafna li jagħmluh.

It-tagħlima, qal il-missier lil uliedu, hija li jekk tkunu magħqudin flimkien ħadd ma jirbħilkom, imma jekk tiġġieldu bejnietkom u tinfirdu kulħadd jagħmel li jrid bikom.

Hekk għamlet l-Unjoni Ewropea permezz tal-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** mixtrija tagħha hawn Malta. Qasmet lil poplu biex reġgħet ġabitna kolonja u bażi militari tagħha u ta' sħabha.

Imma dan m'għandux jaqtalna qalbna.

Kuraġġ ħuti Maltin u Għawdxin. Ingħaqdu ħalli naħdmu flimkien ħalli nerġgħu nitilqu minn dal-jasar li bil-qerq daħħluna fih u nerġgħu nieħdu l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita`** tagħna kif għandna kull dritt, jedd u setgħa li nagħmlu.

**Aktar Laqgħat**

Jekk fit-2 ta' Mejju kien imiss li ssir l-14-il Laqgħa Għolja bejn il-Ġappun u l-Unjoni Ewropea, fl-10 ta' Mejju kien imiss li ssir il-15-il Laqgħa Għolja bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret Ġewwa Moskow, fir-Russja.

Fis-26 tax-xahar, kien imiss li ssir t-tieni laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn iċ-Ċili u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret fil-Lussemburgu.

**Il-Franċiżi u l-Olandiżi ma Japprovawx il-Kostituzzjoni**

Fid-29 ta' Mejju, id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea kienu ingħataw daqqa ta' ħarta kbira meta l-poplu Franċiż wera li ma riedx li l-Unjoni Ewropea tkompli miexja biex ikollha kostituzzjoni tagħha, u ċaħad it-talba tad-dittaturi u tal-politiċi tiegħu bil-vot tiegħu fir-referendum.

Fit-2 ta' Ġunju kien imiss lill-poplu Olandiż li jieqaf għall-arroganza tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u jgħidilhom **LE** għall-kostituzzjoni li riedu jagħmlu għall-Unjoni Ewropea.

Imma d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea ma jaċċettawx is-setgħa u d-deċiżjonijiet tal-popli ta' l-Istati Membri, u għadhom jaraw kif jagħmlu biex jirxuxtaw il-kostituzzjoni li l-ftehim dwarha kien li jekk Stat Membru wieħed jiċħadha ma ssirx.

Ftakru li din il-kostituzzjoni li jridu d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea minflok tagħti lura drittijiet lill-Istati Membri li l-Unjoni Ewropea kienet ħaditilhom aktar qabel kif kien miftiehem li tkun il-kostituzzjoni, tkompli teħdilhom aktar drittijiet.

Huwa għalhekk li fl-Istati Membri kollha qed iqumu movimenti kontra l-Unjoni Ewropea u jridu li pajjiżhom jitlaq u jerġa' jieħu drittijietu kollha lura flimkien ma l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita`** mingħand id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.

**Anniversarju**

Fis-6 ta' Ġunju kien it-30 anniversarju tal-grupp ta' pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku, li niftakru li għamlu numru ta' ftehim ma' l-Unjoni Ewropea fejn anki ċ-ċittadini tagħhom, u mhux biss iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, ingħataw ċerti drittijiet biex jaħdmu u jgħixu fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea barra ftehim kummerċjali.

**Is-7 ta' Ġunju ta' Malta**

Għalkemm din il-kitba hija dwar l-Unjoni Ewropea, ma rridx ma nfakkarx li s-7 ta' Ġunju huwa anniversarju għażiż għalina l-Maltin u l-Għawdxin għaliex fih infakkru li demm ħutna kien ixxerred mill-ħakkiem barrani Ngliż meta kienu qed jipprotestaw minħabba l-ħajja diffiċli li kienu qed jgħixu.

Illum erġajna ninsabu fl-istess pożizzjoni, fejn il-poplu Malti qiegħed iġarrab tbatijiet kbar ikkaġunati mill-ħakkiem barrani ta' l-Unjoni Ewropea u l-**ĠUDIET** mixtrija tiegħu li qarrqu bil-poplu Malti biex jaċċetta s-sħubuija fid-dittatura ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-popli Malti se jibqa' jaċċetta l-ħakma dittatorjali ta' l-Unjoni Ewropea jew se jagħmel kif għamlu missierijietna fis-7 ta' Ġunju u anki fit-28 ta' April 1958 u niddikjkaraw l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita`** tagħna u nqalftu 'l barra lill-barrani u l-qaddejja mixtrija tiegħu?

**Laqgħat, Kunsilli u Konferenzi**

Fit-13 ta' Ġunju kienet saret laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Ukrajina – Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu, waqt li l-għada, 14 ta' Ġunju, saret il-11-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn ir-Rumanija u l-unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret ukoll fil-Lussemburgu.

Bejn is-16 u s-17 tax-xahar kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju, waqt li fid-19 kienet saret Laqgħa Għolja bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea ġewwa[20] Niagara-fuq-il-Lag, fil-Kanada.

Fit-22 ta' Ġunju kienet saret Konferenza Internazzjonali li kienu ospitawha l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar l-Iraq, liema konferenza saret ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Hawnhekk naraw l-ipokrezija ta' mexxejja internazzjonali li wara li jkunu għamlu gwerra fuq pretensjonijiet foloz u gideb ieħor, farrku pajjiż u qatlu Alla biss jaf kemm nies, jippretendu li kulħadd jaqbel magħhom u minn fuq imorru għand ħaddieħor jitolbu flus u għajnuna oħra ħalli jirranġaw dak li jkunu farrku u qerdu huma.

Hawnhekk niftakru li waqt li bini u strutturi oħra forsi jkunu jistgħu jiġu rranġati jew jinbnew mill-ġdid, in-nies li jmut qatt ma jkunu jistgħu jinġiebu lura. X'ma joktorx u jissaħħah it-terroriżmu internazzjonali madwar id-dinja kollha.

**Il-Lussemburgu u l-Kostituzzjoni**

Fl-10 ta' Lulju, il-Lussemburgu li kien wieħed mill-ewwel Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u li hemm istituzzjonijiet tagħha għandu u b'hekk igawdi sewwa mill-Unjoni Ewropea kien aċċetta l-kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li niġbed l-attenzjoni li l-ftehim kien li jekk ikun hemm Stat Membru li ma jaċċettax il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, din ma tkunx addottata.

Issa rajna li aktar qabel kemm Franza u kemm l-Olanda kienu ċaħdu l-Kostituzzjoni.

Mela l-approvazzjoni tal-Lussemburgu kif ukoll ta' pajjiżi oħra, fosthom mill-Parlament ta' Malta u mill-politiċi arroganti u lagħaqa tal-barrani li ma ħallewx lill-poplu Malti jiddeċiedi hu kif għandu kull dritt għax qatt ma kien tahom id-dritt li jiddeċiedu għalih f'din il-kwistjoni, suppost li kellhom jieqfu.

Imma d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea komplew iħeġġu ħalli Stati Membri oħra jaċċettaw il-Kostituzzjoni biex b'hekk issir pressjoni fuq l-Istati Membri u l-popli tagħhom.

Kien hemm Stati Membri li l-politiċi tagħhom ta' lagħaqa pulċinelli mġebbdin bl-ispaga li huma komplew għaddejjin bir-ratifika tal-Kostituzzjoni, waqt li Stati Membri oħra li l-politiċi tagħhom m'humiex arroganti u lagħaqa waqqfu kollox.

[20] Niagara-on-the-Lake

## Laqgħat Oħra

Fit-18 tax-xahar kienet saret it-tieni laqgħa tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn ir-Repubblika ex-Jugoslavja tal-Maċedonja u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa saret fi Brussell, fil-Belġju.

L-għada kienet saret is-7 laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Flimkien bejn il-Każakstan u l-Unjoni Ewropea li nżammet ukoll fi Brussell, fil-Belġju.

Kif għedt aktar qabel, matul Awissu ftit li xejn ikun hemm attivitajiet għaliex kulħadd ikun fuq btala.

Fil-5 ta' Settembru kienet saret Laqgħa Għolja oħra bejn iċ-Ċina u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret ġewwa Beiġing, fiċ-Ċina. Jumejn wara, kienet saret Laqgħa Għolja oħra bejn l-Indja u l-Unjoni Ewropea ġewwa Nju Deli, fl-Indja.

Qed taraw kemm isiru laqgħat bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi oħra ħalli jaraw kif ikunu jistgħu jikkummerċjaw bejniethom għall-ġid tat-tnejn?

## Dikjarazzjoni dwar l-Iraq

Fil-21 ta' Settembru kienet saret Dikjarazzjoni Flimkien bejn l-Iraq u l-Unjoni Ewropea dwar id-djalogu politiku li kienet ġiet iffirmata ġewwa Nju Jork, fl-Istati Uniti.

## Anniversarju Malti

Hawnhekk ma nistgħux ma niftakrux li dan il-jum, li qabel kien jum ta' ferħ għax kien **Jum l-Indipendenza** tagħna, kien tifkira tat-tieni anniversarju ta' l-Indipendenza li tlifna bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u sar jum ta' niket u għajb għaliex fih niftakru t-telfa ta' l-Indipendenza tagħna.

## Ipokriti

Fis-26 tax-xahar ma nistgħux ma narawx kemm id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea huma ipokriti, għaliex waqt li f'dan il-jum kien ġie ċċelebrat il-Jum Ewropew ta' l-Ilsna[21], kieku ma sarux protesti mill-Oppożizzjoni Laburista u minn Għaqdiet oħra li għandhom għal qalbhom l-Ilsien Malti, l-ilsien Malti ma kienx ikun ilsien uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

## Negozjati

Fit-3 ta' Ottubru kienu fetħu n-negozjati għad-dħul tat-Turkija u l-Kroazja fl-Unjoni Ewropea.

Dwar il-Kroazja mhux se noqgħod nikkummenta kif l-Unjoni Ewropea trid taħtaf ll kull **Stat Indipendenti Ħieles u Sovran** li jinsab fl-Ewropa, waqt li dwar it-Turkija diġa` hemm kummenti biżżejjed f'dan l-istess ktieb.

[21] European Day of Languages

**Laqgħat u Protokolli**

Fit-3 ta' Ottubru, il-Kunsill Permanenti tas-Sħubija Fkimkien dwar l-Enerġija bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea[22] kien żamm l-ewwel laqgħa tiegħu ġewwa Londra, fl-Ingliterra.

L-għada, jiġifieri fl-4 ta' Ottubru, kienet saret is-16-il Laqgħa Għolja bejn ir-Russja u l-Unjon Ewropea, liema laqgħa saret ukoll ġewwa Londra, fl-Ingliterra.

Fis-7 ta' Novembru, il-President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew[23], u José Manuel Barroso, President tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, kienu iffirmaw protokoll ġdid ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet li huma Presidenti tagħhom.

Fl-istess jum kienet saret is-6 laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Flimkien bejn Afrika tan-Nofs in-Nhar u l-Unjoni Ewropea[24].

Qed taraw kemm isiru laqgħat biex jaraw xi jkun jaqbel għat-tnejn? Ma Malta ma setgħax isir hekk?

**Anniversarju Ieħor**

Tajjeb li tiftakru li d-9 ta' Novembru kien is-16-il anniversarju ta' meta kien twaqqa l-ħajt ta' Berlin li kien jaqsam il-Ġermanja fi tnejn, il-Ġermanja tal-Lvant u l-Ġermanja tal-Punent.

Fil-Kostituzzjoni li d-dittaturi ta' l-Unjoni riedu jagħmlu, insibu provvediment fejn il-Ġermanja tista' tkompli tagħti għal numru ta' snin għajnuna speċjali għal dik il-parti tagħha li qabel kienet il-Ġermanja tal-Lvant.

Dan iwassalni biex nagħmel xi osservazzjonijiet.

Waħda hija li minkejja li l-Ġermanja kienet ingħaqdet u b'hekk il-parti tal-Ġermanja tal-Lvant saret tifforma wkoll parti mill-Unjoni Ewropea, dawk il-partijiet xorta waħda għadhom lura mill-kumplament tal-Ġermanja skond l-istess Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, is-sħubija fl-Unjoni Ewropea ma servet għal xejn għaliex fqar kienu u fqar għadhom wara das-snin kollha.

Barra minn hekk, il-fatt li l-Ġermanja tħalliet tkompli tagħti għajnuna speċjali jfisser li hemm diskriminazzjoni ma' Stati membri oħra li lkoll għandhom inħawi li huma inqas żviluppati minn inħawi oħra u li huma foqra.

Anki l-fatt li din daħħluha fil-Kostituzzjoni li riedu jagħmlu għandu jħassibna.

Għalfejn riedu jdaħħluha wkoll fil-Kostituzzjoni? Inħalli lilkom biex taħsbu fuqha.

---

[22] EU - Russia Permanent Partnership Council (PPC) on Energy
[23] L-EESC
[24] EU - South Africa Joint Cooperation Council

**Aktar Laqgħat**

Bejn is-27 u t-28 ta' Novembru kienet Laqgħa Għolja Ewro-Mediterranja li fakkret l-10 anniversarju ta' meta kienet ġiet addottata d-Dikjarazzjoni ta' Barċelona f'Novembru 1995.

Fl-1 ta' Diċembru kienet saret Laqgħa Għolja bejn l-Ukrajina u l-Unjoni Ewropea ġewwa Kiev, fl-Ukrajina.

Fit-12 ta' Diċembru kienet saret ukoll laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Flimkien bejn ir-Repubblika ta' Kirgiztan u l-Unjoni Ewropea ġewwa Brussell, fil-Belġju.

L-aħħar attivita' fl-Unjoni Ewropea għal din is-sena kienet Kunsill Ewropew li kien sar bejn il-15 u s-16 tax-xahar ġewwa Brussell, fil-Belġju.

## 2006

Is-sena 2006 bdiet billi fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand l-Awstrija. L-istess jum kien ukoll il-25 anniversarju tas-sħubija tal-Greċja fl-Unjoni Ewropea, u l-20 anniversarju tas-sħubija tal-Portugall u Spanja.

Tajjeb li tiftakru li l-popli ta' dawn il-pajjiżi kienu għażlu s-sħubija minħabba li l-Greċja kienet għaddiet minn numru ta' snin taħt dittatura Faxxista meta kien hemm dak magħruf bħala Reġim tal-Kulunelli, waqt li l-Portugall u Spanja kienu għaddew minn snin twal ta' Dittatura ħarxa Faxxista taħt Antonio Salażar u Francesco Franco.

Fil-31 ta' Jannar kienet saret il-11-li laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-Bulgarija u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret fi Brussell, fil-Belġju.

### Ma Jridux Jafu bl-Unjoni Ewropea

Minħabba li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ma jridux jafu bl-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni ħasbet biex fl-1 ta' Frar ħarġet Karta bit-titolu "Niddibattu l-Ewropa – ninvolvu ċ-ċttadini"[25].

Din il-Karta kellha sservi bħala sisien għall-Politika ta' Komunikazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea[26]. Dan juri kemm iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea ma jridux jafu bl-Unjoni Ewropea minkejja l-attentati tagħha biex tiġbidhom lejha, mhux kif jgħidu l-lagħaqa tagħha hawn Malta.

### President Ieħor

Fis-16 ta' Frar, is-Sindku ta' Dunkirk[27] u Membru Parlamentari, kien inħatar bħala President tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' l-Unjoni Ewropea fis-sessjoni plenarja inawgurali ġewwa Brussell, fil-Belġju.

### Id-Direttiva Frankenstein

Fis-16 ta' Frar naraw kif l-Unjoni Ewropea dejjem trid tifrex subgħajha f'kull qasam bħal qarnita meta l-Parlament Ewropew addotta b'maġġoranza kbira l-ewwel qari tar-rapport dwar liġi biex tiftaħ is-Suq Wieħed Ewropew għas-servizzi.

Fi kliem ieħor, kull min jipprovdi servizz ikun jista' jagħmel hekk f'kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea mingħajr lanqas ma jkollu għalfejn ikun residenti f'dak l-Istat li fih ikun qiegħed jipprovdi s-servizz.

Din hija d-Direttiva tas-Servizz, magħrufa wkoll bħala d-Direttiva Bolkestein, imma magħrufa wkoll bħala d-Direttiva Frankenstein, hija kwistjoni kbira fl-Unjoni Ewropea u qajjmet kwistjonijiet u protesti kontriha fl-Istati Membri kollha, u anki hawn Malta kien qam storbju sħiħ kontriha.

---

[25] White Paper "Debating Europe - involving citizens
[26] European Union Communication Policy
[27] Ir-reġjun ta' Nord-Pas-de-Calais

Tinsewx li jekk wieħed ikun joqgħod fi Stat Membru fejn il-pagi huma baxxi ħafna jkun jista' jagħti servizz f'kull Stat Membru ieħor u jżomm prezzijiet ħafna inqas milli jkunu jistgħu jżommu ċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru, u b'hekk jeqirdilhom xogħlhom u ħobż il-familji tagħhom.

Dan huwa l-futur li hemm bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea u l-ordnijiet tad-dittaturi tagħha sakemm nibqgħu membri u ma niddeċiedux li nitilqu kif għandna kull dritt, jedd u setgħa li nagħmlu.

## Jgħaddu ż-Żmien bil-Ħaddiema

Tant id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jridu jfarrku lil-ħaddiema billi ħaddiema oħra jwaqqu l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, illi fl-20 ta' Frar varaw is-Sena Ewropea tal-Mobilita' tal-Ħaddiema[28] ħalli l-ħaddiema aktar jitħajjru jmorru jaħdmu fi Stati Membri oħra.

Din ġiet varata mill-President tal-Kummissjoni José Manuel Barroso, mill-Kummissarju Vladimír Špidla, u mill-Ministru għall-Ekonomija u x-Xogħol Awstrijak Martin Bartenstein ġewwa Brussell, fil-Belġju.

## Flimkien fl-Ispazju

Fl-10 ta' Marzu, ir-Russja u l-Unjoni Ewropea ffirmaw dokument flimkien biex itejjbu l-koperazzjoni tagħhom flimkien f'attivitajiet ta' l-ispazju.

Imbagħad jiġu l-ġdur Maltin u jridu jgħaddu ż-żmien bl-Għawdxin u bil-Maltin li s-servizz tal-ħelikopter Russu twaqqaf għaliex ma kienx tajjeb u ta' sigurta` għalina għax mhux tal-livell ta' l-Unjoni Ewropea.

## Anniversarji

Fil-11 ta' Marzu reġgħet kienet it-tieni sena li kien sar, u issa jibqa' jsir, il-Jum Ewropew għall-Vittmi tat-Terroriżmu, waqt li fil-15 tax-xahar kien ġie organizzat it-8 Jum il-Konsumaturi.

Dan il-jum kien organizzat mill-Presidenza Awstrijaka li kif rajna kienet ħadet il-Presidenza fl-1 ta' Jannar, u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropea, liema okkażjoni kienet saret fi Vjenna, Fl-Awstrija.

## Laqgħa Oħra

Fl-20 tax-xahar kien imiss li ssir it-12-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn ir-Rumanija u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa saret ġewwa Brussell, fil-Belġju, waqt li bejn it-23 u t-24 kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju.

[28] European Year of Workers' Mobility

**L-Indirizz .eu**

Biex id-dittaturi ta’ l-Unjoni Ewropea jkomplu jaħslu l-imħuħ taċ-ċittadinji ta’ l-Istati Membri, fis-7 ta’ April kien daħal fis-seħħ l-indirizz .eu għall-internet biex ikomplu jmexxu ‘l quddiem l-identita` ta’ l-Unjoni Ewropea u jinsew dik ta’ pajjiżhom.

**U Aktar Laqgħat**

Fl-10 tax-xahar kien imiss li ssir it-tieni laqgħa tal-Kunsill ta’ Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Kroazja u l-Unjoni Ewropea. Din kenet saret fil-Lussemburgu.

Fil-11 ta’ April kien imiss li jsiru żewġ laqgħat oħra, waħda kienet it-8 laqgħa tal-Kunsill ta’ Kooperazzjoni bejn il-Moldova u l-Unjoni Ewropea, u l-oħra l-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Libanu u l-Unjoni Ewropea.

Dawn iż-żewġ laqgħat kienu saru fil-Lussemburgu, u jkomplu juru kemm isiru laqgħat u ftehim li jkun jaqbel għat-tnejn mingħajr ma jkun hemm għalfejn **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** jitlef kollox billi jisr membru ta’ l-Unjoni Ewropea.

**It-Tieni Anniversarju ta’ Għajb**

Infakkar li l-1 ta’ Mejju kien it-tieni anniversarju ta’ għajb minn meta l-għażiża Malta tagħna u aħna tlifna l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita`** tagħna meta sirna membri ta’ l-Unjoni Ewropea minħabba l-qerq tad-dittaturi ta’ l-Unjoni Ewropea u l-**ĠUDIET** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin u Għawdxin.

Qum fuq tiegħek poplu Malti. Iddikjara **l-Indipendenza u l-Ħelsien** tiegħek mill-ħakma dittatorjali ta’ l-Unjoni Ewropea u qalfat ‘il barra lill-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu skond l-ordnijiet dittatorjali ta’ l-Unjoni Ewropea.

**Aktar Karti**

Fl-4 ta’ Mejju kien imiss li l-fabbrika tal-karti taddotta u toħroġ karta oħra permezz tal-Kummissjoni, din id-darba Karta fuq l-Inizjattiva għat-Trasparenza Ewropea.

Din il-Karta varat dibattitu dwar dak magħruf bl-Ingliż bħala lobbying, jiġifieri fejn dawk li jkollhom interess jippruvaw jinfluwenzaw lill-politiċi, fost oħrajn, favur l-interessi tagħhom, kif ukoll dwar id-dħul ta’ obbligazzjonijiet legali għall-Istati Membri li jippubblikaw informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta’ fondi taħt maniġġjar flimkien, kif ukoll dwar il-prattiċi ta’ konsultazzjoni tal-Kummissjoni.

**Altiero Spinelli**

Fit-23 ta’ Mejju kien jaħbat it-23 anniversarju tal-mewt ta’ Altiero Spinelli, li l-awtur ta’ dan il-ktieb ta’ nformazzjoni dettaljata fuqu, imma tajjeb li ngħidu li dan huwa wieħed minn dawk li ħtija tagħhom saret l-Unjoni Ewropea u li aħna llum qed inbatu l-effetti ħżiena minħabba s-sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea.

Kif tista’ tiftakar fi bniedem bħal dan fit-tajjeb meta minħabba l-ħidma tiegħu Malta reġgħet sabet ruħha fil-jasar kolonjali tal-barrani ta’ l-Unjoni Ewropea?

## Aktar Laqgħat u Kunsilli

Fil-25 tax-xahar kien imiss li ssir is-17-il Laqgħa Għolja bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa saret ġewwa Sotchi, fir-Russja.

Fl-1 ta' Kunju, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qalu li s-sena 2007 għandha tkun is-"**Sena ta' Opportunitajiet Ugwali għal-Kulħadd**".

Ħolm fil-vojt u ħafna dediki biex jaljenaw lin-nies mil-problemi kkaġunati mill-Unjoni Ewropea u jkomplu jgħaddu ż-żmien bin-nies.

Bejn is-16 u s-17 tax-xahar kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju, waqt li fid-19 tax-xahar kienet saret is-16-il laqgħa bejn il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku u l-Unjoni Ewropea, liema laqgħa kienet saret ġewwa Vjenna, fl-Awstrija.

Infakkar li l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku li għandhom ftehim ma' l-Unjoni Ewropea huma 79, li jfisser li l-Unjoni Ewropea għandha ftehim magħhom kollha.

Allura tagħmel daqstant ftehim ma pajjiżi ma Malta ma rieditx tagħmel ftehim?

Jew sar hekk apposta biex ikun faċli għall-Unjoni Ewropea biex flimkien mal-**ĠUDIET** tradituri mixtrija minnha jerġgħu jagħmlu lil Malta kolonja u bażi militari tagħha?

Biex inkomplu naraw kemm l-Unjoni Ewropea hija ħaġa waħda ma' l-Istati Uniti fuq il-politika barranija għalkemm kultant jidhru li ma jaqblux, fil-21 ta' Ġunju kienu ltaqgħu flimkien il-President tal-Kummissjoni José Manuel Barroso, il-President tal-Kunsill Ewropew u Kanċellier Awstrijak Wolfgang Schüssel, u l-President Amerikan George W. Bush.

Dawn kienu ltaqgħu waqt Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti li kienet saret fi Vjenna, l-Awstrija, biex jiddiskutu dwar kooperazzjoni fuq l-affarijiet barranin, is-sigurta` ta' l-enerġija, ekonomija, kummerċ, u sfidi oħra dinjija.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill kienet għaddiet għal għand il-Finlandja.

## Zjara fiċ-Ċina

Bejn it-18 u l-14 tax-xahar, Josep Borrell kien mar jagħmel żjara fiċ-Ċina, li kienet lk-ewwel żjara mill-President tal-Parlament Ewropea f'dan il-pajjiż fi 13-il sena.

Ara dawnm jistgħu jagħmlu żjajjar kemm iridu u fejn iridu, imma meta l-Prim Minsitru Dom Mintoff kien l-ewwel Prim Ministru mid-dinja tal-Punent li kien żar iċ-Ċina tgħidx kemm kien hemm ipokriti li tkażaw.

**Is-Saħta ta' l-Ewro**

Fil-11 tax-xahar, il-Kunsill kien addotta deċiżjoni li biha kien se jħalli lis-Sovenja li taddotta l-Ewro bħala l-munita tagħha. Is-Sloveni għad jisħtu l-mument li se jagħmlu hekk malli jaraw kif il-ħajja tisplodi 'l fuq mad-dħul ta' l-Ewro kif għamlet f'kull pajjiż fejn daħal l-Ewro.

Anki aħna għad nisħtu mument bħal dak jekk Alla ħares qatt għad naslu biex ikollna l-Ewro.

Stennew u taraw kif il-poplu Malti għad jitlob saħta, anzi diġa` qiegħed jitlob saħta fuq dawk il-**ĠUDIET** u fuq kull min daħħlu fil-jasar kolonjali taħt id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u fuq il-**QUISLINGS** u kull min ikun irid iżommu hemmhekk.

Fis-17 tax-xahar kienet saret laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Flimkien bejn il-Kazakstan u l-Unjoni Ewropea, waqt li l-għada kienet saret laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Flimkien bejn ir-Repubblika tal-Kirgiztan u l-Unjoni Ewropea. Dawn il-laqgħat kienu saru ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Din il-kitba tlestiet għall-aħħar ta' Lulju 2006.

**Meta issa l-poplu Malti daq xi tfisser tassew il-ħakma dittatorjali kolonjalista ta' l-Unjoni Ewropea, lest li jqum kontra l-ħakkiem barrani u jqalftu 'l barra kif għamel qabel u kif għamlu wkoll missierijiietna qabilna?**

**Tinsewx li għandna kull dritt, jedd u setgħa li niddikjaraw l-Indipendenza u l-Ħelsien tagħna mill taħt kull ħakma kolonjali kif hija l-ħakma dittatorjali kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Qum fuq tiegħek poplu Malti u Għawdxi.**

**Tagħtix każ tal-ĠUDIET li ttradewk u tal-QUISLINGS kollha li lesti jmexxu lil Malta kif jordnalhom il-ħakkiem dittatorjali kolonjalista ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Għamel kuraġġ bħal ma għamlu u kellhom missierijietna.**

**Qaċċat il-ktajjen tal-jasar kolonjali dittatorjali ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Tinsiex dak li kien qal wieħed għaref Ruman.**

**AĦJAR ĦIELES U SSUQ IL-ĦNIEŻER**
**MILLI LSIR U SSUQ IŻ-ŻWIEMEL**